KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 12.5.2004
KUMM(2004) 372 finali

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-firma ta' Protokoll għall-Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, fuq naħa, u r-Repubblika tal-Kroazja, fuq l-oħra, sabiex tiġi kkunsidrata l-adeżjoni għall-Unjoni Ewropea tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja, u r-Repubblika Slovakka

(preżentata mill-Kummissjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Fid-29 ta' Settembru 2003 il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati, f'isem il-Komunità u l-Istati Membri tagħha, mar-Repubblika tal-Kroazja sabiex tikkonkludi protokoll għall-Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, fuq naħa, u r-Repubblika tal-Kroazja, fuq l-oħra, sabiex tiġi kkunsidrata l-adeżjoni għall-Unjoni Ewropea tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja, u r-Repubblika Slovakka.

Dawn in-negozjati bdew fis-26 ta' Frar 2004, wara konsultazzjonijiet tekniċi minn qabel mal-Kroazja dwar din it-tema. Saret sensiela ta' erba' rawnds ta' negozjati (is-26 ta' Frar, is-17 ta' Marzu, il-5/6 ta' April u s-16 ta' April). Il-Protokoll ġie inizjalat mill-Kummissjoni u mill-Gvern tar-Repubblika tal-Kroazja fis-16 ta' April 2004. It-test tal-protokoll inizjalat huwa mehmuż.

Il-protokolli mehmuża huma għal (1) deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-firma tal-protokoll u (2) deċiżjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar il-konklużjoni tal-protokoll.

Il-Kummissjoni tipproponi li l-Kunsill:

- jiddeċiedi dwar il-firma tal-Protokoll f'isem il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha;

- jikkonkludi l-protokoll f'isem il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha u jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni mill-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika. Il-proposta se tiġi adottata mill-Kunsill flimkien mad-deċiżjoni li tikkonkludi l-Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni mal-Kroazja

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-firma ta' Protokoll għall-Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, fuq naħa, u r-Repubblika tal-Kroazja, fuq l-oħra, sabiex tiġi kkunsidrata l-adeżjoni għall-Unjoni Ewropea tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja, u r-Repubblika Slovakka

Il-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 310 flimkien mat-tieni sentenza ta' l-Artikolu 300 (2), l-ewwel subparagrafu tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Att anness mat-Trattat ta' l-Adeżjoni u partikolarment l-Artikolu 6 (2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni[1],

Billi:

(1) Fid-29 ta' Settembru 2003 il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni, f'isem il-Komunità u l-Istati Membri tagħha, biex tinnegozja mar-Repubblika tal-Kroazja Protokoll għall-Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, fuq naħa, u r-Repubblika tal-Kroazja, fuq l-oħra, sabiex tiġi kkunsidrata l-adeżjoni għall-Unjoni Ewropea tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja, u r-Repubblika Slovakka.

(2) Dawn in-negozjati ntemmew b'suċċess u, suġġett għall-konklużjoni possibbli tiegħu f'data oħra, il-Protokoll għandu jiġi ffirmat f'isem il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha,

IDDEĊIDIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu Uniku

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat jaħtar il-persuna(i) mogħtija s-setgħa biex jiffirmaw, f'isem il-Komunità u l-Istati Membri tagħha, il-Protokoll għall-Ftehim ta'

[1] ĠU C […], […], p. […].

Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, fuq naħa, u r-Repubblika tal-Kroazja, fuq l-oħra, sabiex tiġi kkunsidrata l-adeżjoni għall-Unjoni Ewropea tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja, u r-Repubblika Slovakka, suġġett għal konklużjoni possibbli fi stadju ieħor fil-ġejjieni.

It-test ta' dan il-Protokoll huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Magħmula fi Brussel,

Għall-Kunsill
Il-President

ANNESS

IL-PROTOKOLL

għall-Ftehim ta' Assoċjazzjoni u Stabilizzazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tal-Kroazja, mill-oħra, biex tkun ikkunsidrata l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja, u r-Repubblika Slovakka fl-Unjoni Ewropea

IR-RENJU TAL-BELĠJU,

IR-REPUBBLIKA ĊEKA,

IR-RENJU TAD-DANIMARKA,

IR-REPUBBLIKA FEDERALI TAL-ĠERMANJA,

IR-REPUBBLIKA TA' L-ESTONJA,

IR-REPUBBLIKA ELLENIKA,

IR-RENJU TA' SPANJA,

IR-REPUBBLIKA FRANĊIŻA,

L-IRLANDA,

IR-REPUBBLIKA TALJANA,

IR-REPUBBLIKA TA' ĊIPRU,

IR-REPUBBLIKA TAL-LATVJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-LITWANJA,

IL-GRANDUKAT TAL-LUSSEMBURGU,

IR-REPUBBLIKA TA' L-UNGERIJA,

IR-REPUBBLIKA TA' MALTA,

IR-RENJU TA'L-OLANDA,

IR-REPUBBLIKA TA' L-AWSTRIJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-POLONJA,

IR-REPUBBLIKA PORTUGALL,

IR-REPUBBLIKA TAS-SLOVENJA,

IR-REPUBBLIKA SLOVAKKA,

IR-REPUBBLIKA TAL-FINLANDJA,

IR-RENJU TA' L-ISVEZJA,

IR-RENJU UNIT TAL-GRAN BRITTANJA U L-IRLANDA TA' FUQ,

minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Istati Membri" irrappreżentati mill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea, u

IL-KOMUNITÀ EWROPEA, IL-KOMUNITÀ EWROPEA TA' L-ENERĠIJA ATOMIKA,

minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-Komunitajiet" irrappreżentati mill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea,

min-naħa l-waħda, u

IR-REPUBBLIKA TAL-KROAZJA,

mill-oħra,

B'referenza lejn is-sħubija tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja, ir-Repubblika Slovakka (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Istati l-Membri l-Ġodda") fl-Unjoni Ewropea u permezz ta' dan fil-Komunità fl-1 ta' Mejju 2004,

Peress li:

(1) Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni u Stabilizzazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tal-Kroazja, mill-oħra, (minn hawn 'il quddiem imsejħa "FAS") kien iffirmat fid-29 Ottubru 2001;

(2) It-Trattat dwar l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka fl-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "it-Trattat ta' Adeżjoni") kien iffirmat f'Ateni fis-16 t'April 2003;

(3) Konformi ma' l-Artikolu 6(2) ta' l-Att ta' Adeżjoni anness mat-Trattat ta' Adeżjoni ser jintlaħaq ftehim dwar l-adeżjoni ta' l-Istati Membri l-ġodda fl-FAS b'konklużjoni ta' protokoll għall-FAS;

(4) Saru konsultazzjonijiet konformi ma' l-Artikolu 36(3) ta' l-FAS sabiex ikun żgurat li jitqiesu l-interessi komuni - iddikjarati fil-Ftehim - tal-Komunità u l-Kroazja;

(5) L-emendi għall-Ftehim Temporanju dwar il-kummerċ u l-affarijiet relatati mal-kummerċ bejn il-Komunità Ewropea, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tal-Kroazja, mill-oħra, (minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-Ftehim Temporanju") li jbiddlu l-Ftehim Temporanju sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Republika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja, u r-Repubblika Slovakka fl-Unjoni Ewropea jridu jsiru wkoll lill-FAS.

FTEHMU LI:

SEZZJONI 1

IL-PARTIJIET KONTRAENTI

Artikolu 1

Ir-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja, u r-Repubblika Slovakka ser ikunu Partijiet fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni u Stabilizzazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tal-Kroazja, mill-oħra, iffirmat fil-Lussemburgu fid-29 ta' Ottubru 2001 u ser rispettivament jaddottaw u josservaw, kif jagħmlu l-Istati Membri l-oħra tal-Komunità, tat-testi tal-Ftehim, kif ukoll tad-Dikjarazzjonijiet Komuni, u tad-Dikjarazzjonijiet Unilaterali annessi ma' l-Att Finali ffirmat fl-istess data.

Artikolu 2

Sabiex jitqiesu l-iżviluppi istituzzjonali riċenti fl-Unjoni Ewropea, il-Partijiet jiftehmu li wara l-gheluq tat-Trattat li jistabbilxxi l-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar, il-provvedimenti attwali fil-Ftehim li jirreferu għall- Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar ser jitqiesu li jirreferu għall-Komunità Ewropea li assumiet id-drittijiet u d-dmirijiet li kellha l-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar.

EMENDI GĦAT-TEST TAL-FAS LI JINKLUDI L-ANNESSI U L-PROTOKOLLI

SEZZJONI II

IL-PRODOTTI AGRIKOLI

Artikolu 3

Prodotti Agrikoli sensu stricto

1. It-test ta' Anness I ta' dan il-Protokoll għandu jieħu post Anness IV(a) u Anness IV(c) ta' mal-FAS.

2. It-test ta' Anness II ta' dan il-Protokoll għandu jieħu post Anness IV(b) ta' ma' l-FAS .

3. It-test ta’ Anness III ta’ dan il-Protokoll għandu jieħu post Anness IV(d) ta’ l-FAS.

4. It-test Anness IV ta’ dan il-Protokoll għandu jieħu post Anness IV(e) ta’ l-FAS.

5. It-test ta’ Anness V ta’ dan il-Protokoll għandu jieħu post Anness IV(f) ta’ l-FAS.

6. Punt (g) għandu jiżdied ma’ l-Artikolu 27(3) ta’ l-FAS hekk kif ġej:

"(g) Mill-1 ta’ Mejju 2004, il-Kroazja għandha tapplika d-dazji fuq il-prodotti elenkati f’Anness IV (g)."

7. It-test ta’ Anness VI ta’ ma’ dan il-Protokoll għandu jiżdied mal-FAS bħala Anness IV(g).

Artikolu 4

Il-prodotti tas-sajd

1. It-test ta’ Annes VII ta’ dan il-Protokoll għandu jieħu post Anness V(a) ta’ l-FAS.

2. It-test Anness VIII għandu jieħu post Anness V(b) ta’ l-FAS.

Artikolu 5

Il-prodotti agrikoli pproċessati

1. Il-Listi 2,3 u 4 ta’ l-Anness IX ta’ dan il-Protokoll għandhom jieħdu post il-Listi 2 u 3 ta' Anness II tal-Protokoll 3 ta’ l-FAS.

Artikolu 6

Ftehim dwar l-inbid

It-test ta’ Annesss X ta’ dan il-Protokoll għandu jieħu post Anness I (Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Kroazja dwar il-koncessjonijiet kummerċjali reċiproċi u preferenzjali għal ċerti nbejjed, imsemmija f’Artikolu 27 (4) ta’ l-FAS) ta’ mal-Protokoll Addizzjonali li jemenda l-aspetti kummerċjali ta’ l-FAS, sabiex jitqies ir-riżultat tan-negozjati bejn il-partijiet dwar koncessjonijiet reċiproċi u preferenzjali għal ċerti nbejjed, l-għarfien reċiproku, il-ħarsien u l-kontroll ta’ l-ismijiet ta’ l-inbid u l-għarfien reċiproku, il-ħarsien u l-kontroll ta’ l-ismijiet ta’ l-ispirti u x-xorb aromatiku.

SEZZJONI III

IR-REGOLI TA’ ORIĠINI

Artikolu 7

1. Dan li ġej jieħu post il-paragrafu 4 ta’ l-Artikolu 18 tal-Protokoll 4 ta’ l-FAS:

‘4. Iċ-ċertifikati ta’ moviment EUR.1 maħruġa retrospettivament għandhom ikunu endorsjati b’waħda minn dawn il-frażijiet:

ES "EXPEDIDO A POSTERIORI",

CS "VYSTAVENO DODATEČNĚ",

DA "UDSTEDT EFTERFØLGENDE",

DE "NACHTRÄGLICH AUSGESTELLT",

ET "VÄLJA ANTUD TAGASIULATUVALT",

EL "ΕΚΔΟΘΕΝ ΕΚ ΤΩΝ ΥΣΤΕΡΩΝ",

EN "ISSUED RETROSPECTIVELY",

FR "DÉLIVRÉ A POSTERIORI",

IT "RILASCIATO A POSTERIORI",

LV "IZSNIEGTS RETROSPEKTĪVI",

LT "RETROSPEKTYVUSIS IŠDAVIMAS",

HU "KIADVA VISSZAMENŐLEGES HATÁLLYAL",

MT "MAĦRUĠ RETROSPETTIVAMENT",

NL "AFGEGEVEN A POSTERIORI",

PL "WYSTAWIONE RETROSPEKTYWNIE",

PT "EMITIDO A POSTERIORI",

SL "IZDANO NAKNADNO",

SK "VYDANÉ DODATOČNE",

FI "ANNETTU JÄLKIKÄTEEN",

SV "UTFÄRDAT I EFTERHAND",

HR "NAKNADNO IZDANO".'

2. Dan li ġej ser jieħu post il-paragrafu 2 ta' l-Artikolu 19 tal-Protokoll 4 ta' l-FAS:

'2. It-tieni kopja maħruġa b'dan il-mod għandha tkun endorsjata b'waħda minn dawn il-kliem:

ES "DUPLICADO",

CS "DUPLIKÁT",

DA "DUPLIKAT",

DE "DUPLIKAT",

ET "DUPLIKAAT ",

EL "ΑΝΤΙΓΡΑΦΟ",

EN "DUPLICATE",

FR "DUPLICATA",

IT "DUPLICATO",

LV "DUBLIKĀTS",

LT "DUBLIKATAS",

HU "MÁSODLAT",

MT "DUPLIKAT",

NL "DUPLICAAT",

PL "DUPLIKAT",

PT "SEGUNDA VIA",

SL "DVOJNIK",

SK "DUPLIKÁT",

FI "KAKSOISKAPPALE",

SV "DUPLIKAT",

HR "DUPLIKAT".'

3. It-test ta' Anness XI ta' dan il-Protokoll se jieħu post Anness I tal-Protokoll 4 ta' l-FAS.

4. It-test ta' Anness XII ta' dan il-Protokoll ser jieħu post Anness II tal-Protokoll 4 ta' l-FAS.

5. It-test ta' Anness XIII ta' dan il-Protokoll ser jieħu post Anness IV ta' Protokoll 4 ta' l-FAS.

IL-PROVVEDIMENTI TRANSIZZJONALI

SEZZJONI IV

Artikolu 8

L-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (l-ODK)

Ir-Repubblika tal-Kroazja twiegħed li ma tagħmel ebda klejm, talba jew referenza lanqas timmodifika jew tirtira xi konċessjoni konformi mal-GATT 1994 Artikoli XXIV.6 u XXVIII b'relazzjoni għal dan it-tkabbir tal-Komunità.

Artikolu 9

Il-prova ta' l-oriġini u l-kooperazzjoni amministrattiva

1. Il-provi ta' oriġini proprjament maħruġa jew mir-Repubblika tal-Kroazja jew Stat Membru ġdid fid-dawl tal-ftehimiet preferenzjali jew arranġamenti awtonomi applikati bejniethom ser ikunu aċċettati fil-pajjiżi rispettivi, bil-kondizzjoni li:

(a) l-akkwist ta' tali oriġini tagħti trattament preferenzjali tat-tariffa abbażi tal-mi\uri preferenzjali tat-tariffa fl-SAA;

(b) il-prova ta' l-oriġini u d-dokumenti tat-trasport inħarġu mhux iktar tard minn ġurnata qabel id-data ta' adeżjoni;

(c) il-prova ta' l-oriġini tingħata lill-awtoritajiet tad-dwana fil-perijodu ta' erba' xhur mid-data ta' adeżjoni.

Meta l-prodotti kienu ddikkjarati għall-importazzjoni jew fir-Repubblika tal-Kroazja jew Stat Membru ġdid, qabel id-data ta' adeżjoni, taħt il-ftehimiet preferenzjali jew l-arranġamenti awtonomi applikati bejn ir-Repubblika tal-Kroazja u dak l-Istat Membru l-ġdid f'dak il-ħin, il-prova ta' l-oriġini maħruġa b'mod retrospettiv taħt dawk il-ftehimiet jew arranġamenti jistgħu wkoll ikunu aċċettati bil-kondizzjoni li tingħata lill-awtoritajiet tad-dwana f'perijodu ta' erba' xhur mid-data ta' adeżjoni.

2. Ir-Repubblika tal-Kroazja u l-Istati Membri l-ġodda huma awtorizzati li jżommu l-awtorizzazzjonijiet li bis-saħħa tagħhom ingħata l-istatus ta' "esportaturi approvati" fil-qafas tal-ftehimiet preferenzjali jew arranġamenti awtonomi applikati bejniethom, bil-kondizzjoni li:

(a) provvediment bħal dan huwa wkoll misjub fil-ftehim milħuq qabel id-data ta' l-adeżjoni bejn ir-Repubblika tal-Kroazja u l-Komunità; u

(b) l-esportaturi approvati japplikaw ir-regoli ta' l-oriġini fis-seħħ b'dak il-ftehim.

Dawn l-awtorizzazzjonijiet għandhom jinbidlu, mhux iktar tard minn sena wara d-data ta' l-adeżjoni, ma' awrorizzazzjonijiet ġodda maħruġa taħt il-kondizzjonijiet ta' l-SAA.

3. Talbiet għal verifika sussegwenti tal-prova ta' oriġini maħruġa taħt il-ftehimiet preferenzjali jew arranġamenti awtonomi msemmija f'paragrafi 1 u 2 hawn fuq għandhom ikunu aċċettati mill-awtoritajiet kompetenti tad-dwana tar-Repubblika Ċeka jew ta' l-Istati Membri għal perijodu ta' tliet snin wara li jkun nħareġ il-prova

ta’ oriġini kkonċernata u tista’ ssir minn dawk l-awtoritjiet għal perijodu ta’ tliet snin wara l-aċċettazzjoni tal-prova ta’ oriġini mogħtija lil dawk l-awtoritajiet b'appoġġ għad-dikjarazzjoni ta’ importazzjoni.

Artikolu 10

Oġġetti waqt li qed jinġarru

1. Il-provvedimenti ta’ l-SAA jistgħu jkunu applikati fuq oġġetti esportati jew mir-Repubblika tal-Kroazja għal wieħed mill-Istati Membri l-ġodda jew minn wieħed mill-Istati Membri l-ġodda għar-Repubblika tal-Kroazja, li jaqblu mal-provvedimenti ta’ Protokoll 4 ta’ l-SAA u li fid-data ta’ l-adeżjoni jew qegħdin fit-triq jew f’ħażna temporanja, f’maħżen tad-dwana jew f’żona libera fir-Repubblika tal-Kroazja jew f’dak l-Istati Membru l-ġdid.

2. Trattament preferenzjali jista' jingħata f’każijiet bħal dawn, suġġett għall-għoti lill-awtoritajiet tad-dwana tal-pajjiż li qed jimporta, fi żmien erba’ xhur mid-data ta’ l-adeżjoni, ta’ prova ta’ oriġini maħruga b’mod retrospettiv mill-awtoritajiet tad-dwana tal-pajjiż li qed jesporta.

Artikola 11

Kwoti fl-2004

Għas-sena 2004, il-volumi tal-kwoti tat-tariffi l-ġodda u ż-żidiet fil-volumi tal-kwoti tat-tariffi eżistenti għandhom ikunu kkalkolati bħala pro rata tal-volumi bażiċi, u trid tieħu in konsiderazzjoni dak il-parti tal-perijodu li għadda qabel l-1 ta’ Mejju 2004.

IL-PROVVEDIMENTI FINALI U ĠENERALI

SEZZJONI V

Artikolu 12

Dan il-Protokoll u l-annessi tiegħu għandhom jiffurmaw parti integrali ta’ l-SAA.

Artikolu 13

1. Dan il-Protokoll għandu jkun approvat mill-Komunità, il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea f'isem l-Istati Membri, u r-Repubblika tal-Kroazja f’konformità mal-proċeduri proprji tagħhom.

2. L-istrumenti ta’ approvazzjoni għandhom ikunu ddepositati mas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea.

Artikolu 14

1. Dan il-Protokoll għandu jidħol fis-seħħ fl-istess jum bħall-Ftehim ta’ Assoċjazzjoni u Stabilizzazzjoni bil-kondizzjoni li l-istrumenti kollha ta’ approvazzjoni ta’ dan il-Protokoll kienu ddepositati qabel dik id-data.

2. Jekk l-istrumenti ta’ approvazzjoni ta' dan il-Protokoll ma kienux kollha ddepositati, dan il-Protokoll għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum ta' l-ewwel xahar wara d-data ta’ meta jkun ddepositat l-aħħar instrument ta’ approvazzjoni.

Artikolu 15

Dan il-Protokoll inkiteb b’żewġ kopji fil-lingwa Ċeka, Daniża, Olandiża, Ingliża, Estonjana, Finlandiża, Franċiża, Ungeriża, Ġermaniża, Griega, Taljana, Latvjana, Litwana, Maltija, Pollokka, Portugiża, Slovakka, Slovena, Spanjola u Svediża. Kull wieħed minn dawn it-testi huwa ugwalment awtentiku.

Artikolu 16

It-test ta’ l-SAA, li jinkludi l-Annessi u l-Protokolli li jifformaw parti minnu, u l-ATT Finali flimkien mad-dikjarazzjonijiet annessi miegħu, għandhom jinkitbu biċ-Ċek, l-Estonjan, l-Ungeriż, il-Latvjan, il-Litwaniż, il-Malti, il-Pollakk, l-Islovakk u l-Isloven, u dawn it-testi għandhom ikunu awtentiċi daqs li kieku kienu t-testi oriġinali. Il-Kunsill ta’ Assoċjazjoni u l-Istabilizzazzjoni għandu japprova dawn it-testi.

ANNESSI

Anness I

"**Annes IV(a) u IV (c)**

IL-KONCESSJONIJIET TAT-TARIFFI KROATI GĦALL-PRODOTTI AGRIKOLI

(Id-dazju –b'xejn għall-kwantitajiet bla limitu mill-1 ta' Mejju 2004)

(kif imsemmi f'Artikolu 27(3)(a) u 27(3)(c))

Il-kowd tat-tariffa Kroata[1]	**Il-kowd tat-tariffa Kroata** [1]	**Il-kowd tat-tariffa Kroata** [1]	**Il-kowd tat-tariffa Kroata** [1]
0105 19 20	1007 00	2009 29 11	
0105 19 90	1008	2009 29 19	2303 10
0106 90 00 10	1106	2009 29 99 10	2303 20
0205 00	1108	2009 39 11	2303 30
0206	1109 00 00	2009 39 19	2304 00 00
0208	1209	2009 39 39 10	2305 00 00
0407 00 30	1210	2009 49 11	2306 41 00
0407 00 30 50	1211	2009 49 19	2306 49 00
0407 00 90	1212 10	2009 49 99 10	2306 70 00
0410 00 00	1212 30 00	2009 79 11	2307 00
0504 00 00	1212 99 80	2009 79 19	2308 00
0604	1213 00 00	2009 79 99 10	2309 10
0714	1214	2009 80 35 10	
0801	1301	2009 80 38 10	
0802	1302	2009 80 99 10	
0803 00	1501 00 11	2009 80 11	
0804 10 00	1501 00 19 10	2009 80 19	
0804 30 00	1501 00 90	2009 80 32	
0805 40 00	1502 00	2009 80 33	
0805 50	1503 00	2009 80 35	
0805 90 00	1504	2009 80 36	

Il-kowd tat-tariffa Kroata[1]	**Il-kowd tat-tariffa Kroata [1]**	**Il-kowd tat-tariffa Kroata [1]**	**Il-kowd tat-tariffa Kroata [1]**
0806 20	1516 10	2009 80 38	
0807 20 00	1603 00	2009 80 69 10	
0811	1702 11 00	2009 80 96 10	
0812	1702 19 00	2009 80 97 10	
0813	1702 60	2009 80 99 20	
0814 00 00	1703 10 00	2009 90 11	
0901 11 00	2003 10	2009 90 19	
0901 12 00	2003 20 00	2009 90 21	
0902	2005 60 00	2009 90 29	
0904	2007 91	2009 90 39 10	
0905 00 00	2008 19	2009 90 49 10	
0906	2008 20	2009 90 59 10	
0907 00 00	2008 30	2009 90 79 10	
0908	2008 80	2009 90 97 10	
0909	2008 99 36	2009 90 98 10	
0910	2008 99 38	2301	
1001 10 00	2008 99 49 10	2302 10	
1002 00 00 10	2008 99 67 10	2302 20	
1003 00 10	2008 99 99 10	2302 40	
1004 00 00 10	2009 11		
1005 10	2009 19 11		
1006	2009 19 19		
	2009 19 98 10		

(1) Kif definita mit-Tariffa tad-Dwana Kroata – ippubbliakta f'NN 184/2003,as amended.

Anness II

“Anness IV(b)

IL-KONĊESSJONI TAT-TARIFFA KROATA GĦALL-PRODOTTI AGRIKOLI

(Ħelsien mid-dazju skondil-kwota mill-1 ta’ Mejju 2004)

(kif imsemmi fl-Artikolu 27(3)(b)

Il-kowd tat-tariffa Kroata	**Id-deskrizzjoni**	**Il-Kwota tat-Tariffa tunnellati**	**Żieda ta’ kull sena tunnellati**
0104	Nagħaġ u mogħoż ħajjin	300	
0201	Laħam tal-bhejjem ta’ l-ifrat, frisk jew imkessaħ	200	
0204	Laħam tan-nagħaġ jew mogħoż, frisk, imkessaħ jew iffriżat.	110	5
0207	Laħam u l-ġewwieni li jittiekel, tat-tjur li jaqgħu taħt titlu Nru 01.05, friski, imkessħa jew iffriżati.	780	30
0401	Ħalib u krema, la konċentrati lanqas miżjuda biz-zokkor jew b’sustanzi oħra ta’ ħlewwa.	13 500	
0402	Ħalib u krema, konċentrati jew miżjuda biz-zokkor jew b’sustanzi oħra ta’ ħlewwa.	250	
0406	Ġobon u baqta	2 200	100
0406 excl 04069078	Ġobon u baqta barra mill-Gouda	800	
04069078	Gouda	350	
0409 00 00	Għasel naturali	20	
06029010	Il-miċelju tal-faqqiegħ	9 400	
0701 90 10	Patata, għall-manifattura tal-lamtu	1 000	
0712	Ħxejjex imnixxfa, sħaħ, imqattgħa, slajsjati, miksura jew forma ta’ trab imma mhux maħduma aktar minn hekk.	1 050	
0805 10	Larinġ	27 500	1 250
0808 10 *	Tuffieħ frisk	5 800	
0809 10	Berbuq	1 100	50
0810 10	Frawli	220	10
1002 00 00	Segala	700	100
1101	Qamħ jew trab fin imħallat	250	
1103	Xgħir u barli mitħuna oħxon, trab u f’forma ta’ gerbub	100	

1206 00	Zerriegħa tal-ġirasol, imqaxxra jew m'hijiex.	110	5
1507	Żejt tas-sojja u l-frazzjonijiet tiegħu, raffinati jew m'humiex, imma mhux modifikati kemikament.	1 200	10
1514 19 1514 99	Lift ta' l-aċidu eruċiku baxx	100	
2004 90	- Ħxejjex oħra u taħlitiet ta' ħxejjex	110	5
2005 90	Kappar, qaqoċċ, u oħrajn maħduma jew ippreservati b'diversi modi basta mhux bil-ħall jew l-aċidu aċetiku.	135	
2007 99	Ġammijiet, frott, ġeli, preparamenti simili u oħrajn	130	
2009 71 2009 79 2009 80 2009 90	Meraq tal-frott	200	
2009 80 50 2009 80 61 2009 80 63 2009 80 69 2009 80 71 2009 80 73 2009 80 79 2009 80 83 2009 80 84 2009 80 86 2009 80 88 2009 80 89 2009 80 95 2009 80 96 2009 80 97 2009 80 99	-meraq ta' kwalunkwe frotta jew ħaxixa oħra	330	15
21069010 21069030	Preparamenti ta' l-ikel	550	

21069051 21069055 21069059			
2302 230230	Nuħħala, staċċaturi u residwi oħra, kemm jekk f'forma ta' gerbub jew le, imnissla mit-tgħarbil, it-tħin jew ħdim ieħor taċ-ċereali jew il-pjanti/haxix legumeni. - tal-qamħ	6 200	
2309 230990	Preparamenti ta' prodotti użati għall-għalf ta' l-annimali. - Oħrajn	1 350	

* Il-kwota tiġi allokata bejn il-21 ta' Frar – l-14 ta' Settembru

Anness III

“Anness IV(d)

IL-KONĊESSJONI TAT-TARIFFA KROATA GĦALL-PRODOTTI AGRIKOLI

(it-tneħħija progressiva tad-dazji tan-Nazzjon L-Iżjed Preferit - MFN – skond il-kwoti tat-tariffi)

(kif imsemmi fl-Artikolu 27(3)(d)

Id-dazji tad-dwana għall-kommoditajiet elenkati fl-anness għandhom ikunu mnaqqsa u mneħħija f’konformità mad-dati li ġejjin:

– fl-1 ta’ Mejju 2004 id-dazju applikabbli għandu jkun 40% tad-dazju bażiku;

– fl-1 ta’ Mejju 2005 kull dazju għandu jkun mnaqqas għal 20% tad-dazju bażiku;

– fl-1 ta’ Jannar 2006 id-dazju li jibqgħu għandhom jitneħħew

Il-kowd tat-tariffa Kroata	**Id-deskrizzjoni**	**Il-Kwota tat-Tariffa tunnellati**	**Żieda ta’ kull sena tunnellati**
0103 91 0103 92	Qżieqeż ħajjin	550	25
0210	Laħam u ġewwieni ta’ l-annimali li jittiekel, immellħa, fl-ilma mielaħ jew affumikati; trab fin li jittiekel u laħam imqatta’ trab jew ġewwieni ta’ l-annimali li jittiekel.	500	15
0401	Ħalib u krema, la konċentrati u lanqas miżjuda biz-zokkor jew xi sustanza oħra ta’ ħlewwa.	3 300	150
0402	Ħalib u krema, konċentrati jew miżjuda biz-zokkor jew b’sustanzi oħra ta’ ħlewwa.	15 400	700
0405 10	Butir	300	10
0702	Tadam, frisk jew imkessaħ.	8 250	375
0703 20	Tewm	1100	50
0805 20	- Mandolin (inklużi t-tanġerini u s-satsumi); il-klementini, il-*wilkings* u bgħula oħra taċ-ċitru bħal m’huma dawn	2 640	120
0806 10	Għeneb tal-mejda	8 800	400
1509	Żejt taż-żebbuġa	390	20
1602 41 sa 1602 49	Laħam tal-majjal maħdum jew ippreservat	330	15
1701	Zokkor tal-kannamieli jew tal-pitravi u dan iz-zokkor fi stat kimikament pur u f’forma solida.	6 270	285
2002	Tadam maħdum jew preservat b’diversi modi basta mhux bil-ħall jew l-aċidu aċetiku	5 430	240

2009 12 00 2009 19 91 2009 19 98	- meraq tal-laringġ: meraq ieħor	1 980	90

Anness IV

“Anness IV(e)

IL-KONĊESSJONI TAT-TARIFFA KROATA GĦALL-PRODOTTI AGRIKOLI

(Tnaqqis progressiv tad-dazji tan-Nazzjon l-Iżjed Preferit – MFN – fuq kwantitajiet bla limitu)

(kif imsemmi fl-Artikolu 27(3)(e)

Dazji tad-dwana għall-kommoditajiet elenkati f’dan l-anness għandhom jitnaqqsu skond it-tabella li ġejja:

– nhar l-1 ta’ Mejju 2004 d-dazju applikabbli għandu jkun 70% tad-dazju bażiku;

– nhar l-1 ta’ Jannar 2005 kull dazju għandu jonqos għal 60% tad-dazju bażiku;

– nhar l-1 ta’ Jannar 2006 kull dazju għandu jonqos għal 50% tad-dazju bażiku.

0104	Nagħaġ u mogħoż ħajjin.
0105 010512	Tjur ħajjin, jiġifieri, tjur ta’ l-ispeċi *Gallus domesticus*, papri, wiżż, dundjani u fargħuni: --Dundjani
010592 0105920020 0105920030	-- Tjur ta’ l-ispeċi *Gallus domesticus*, li ma jiżnux aktar minn 2,000g --- oħrajn
0209	Xaħam il-qażquż, mingħar laħam dgħif, u xaħam tat-tjur, mhux imdewweb jew estratt permezz ta’ xi mod ieħor, friski, imkessħa, iffriżati, immellħa, imqiegħda fl-ilma mielaħ, imnixxfa jew iffumikati.
0404	Xorrox, konċentrat jew m’huwiex; għandu jew m’għandux zokkor jew xi sustanza oħra ta’ ħlewwa miżjuda miegħu; prodotti magħmula minn kostitwenti naturali tal-ħalib, għandhom jew m’għandhomx zokkor jew xi sustanza oħra ta’ ħlewwa miżjuda magħhom, li ma jidhru speċifikati jew inklużi mkien d’dawn id-dokumenti.
040700 04070030 40	Il-bajd ta’ għasafar, fil-qoxra, friski, preservati jew imsajra. --- il-bajd tad-dundjan
0601	Il-basal, it-tuberi, għeruq tuberużi, il-basal tal-qasab, korolli u riżomi, rieqda, qed jikbru jew qed joħorġu l-fjur; il-pjanti u l-għeruq taċ-ċikwejra imma mhux l-għeruq li jaqgħu taħt it-titlu Nru 1212.
0602	Pjanti ħajjin oħra (inklużi għeruqhom), tirqid u żabriet; il-miċelju tal-faqqiegħ.
0603	Fjuri maqtugħa u fjuri li qed jarmu ta’ kull xorta adattati għall-bukketti jew għal għanijiet ornamentali, friski, imnixxfa, miżbugħa, ibblijċjati, imdakkra jew maħduma b’xi mod ieħor.
0708	Ħxejjex li jittieklu, imfesdqa jew m’humiex, friski jew imkessħa.
0710	Ħxejjex (mhux imsajra jew imsajra fuq il-fwar jew f’ilma jagħli), iffriżati.
0711	Ħxejjex ippreservati provviżorjament (per eżempju, bid-dijossidu tal-kubrit bit-tqegħid fl-ilma mielaħ, fl-ilma bil-kubrit jew f’soluzzjonijiet oħra preservattivi), imma li f’dak l-istat m’humiex tajba għall-konsum immedjat.
0712	Ħxejjex imnixxfa, sħaħ, imqattgħa, isslajsjati, miksura jew f’forma ta’ trab, imma li m’humiex maħduma aktar minn hekk.
0713	Ħxejjex imnixxfa li jittieklu, imfesdqa, imqaxxra jew m’m’humiex, maqsum jew m’humiex.
0901 090121 00	Kafè sew jekk mhux inkaljat sewwa jekk iddekafeinat; il-fosdqiet u l-qxur tal-kafè; is-sostituti tal-kafè li fihom il-kafè f’kull ammont ta’ proporzjon. - Kafè nkaljat

090122 00	
100300 1003009010	Xgħir. --- jissajjar
100400 00	Zerriegħa tal-ħafur
1005 100590	Qamħirrum (żerriegħa tal-qamħ). - Oħrajn
1104	Iż-żrieragħ taċ-ċereali maħduma mod ieħor (per eżempju, imfesdqa, imkissra bir-romblu, maqsuma biċċiet zgħar u rqaq, imfarrka f'biċċiet żgħar tondi, isslajsjati jew mitħuna bċejjeċ bċejjeċ ħoxnin), minbarra r-ross li jaqa' taħt it-titlu Nru 10.06; ir-raħs taċ-ċereali, sħiħ, imkisser bir-romblu, maqsum jew mitħun.
1105	Trab fin, ħin, trab, bċejjeċ irqaq, granellini u gerbub tal-patata.
170230	- Il-glukosju u x-xropp tal-glukosju, li m'għandhomx zokkor li jinsab fil-meraq tal-frott (fruktosju) jew li fi stat imnixxef għandhom anqas minn 20% fruktosju f'toqolhom
170240	- Il-glukosju u x-xropp tal-glukosju, li fi stat imnixxef għandhom mill-inqas 20% imma inqas minn 50% fruktosju f'toqolhom
2005 2005 40 00 2005 51 00	Ħxejjex oħra maħduma jew preservati b'metodi oħra minbarra bil-ħall jew l-aċidu aċetiku, mhux iffriżati, minbarra l-prodotti li jaqgħu taħt it-titlu Nru 20 06. - Piżelli (*Pisum sativum*) -- Fażola mqaxxra
2008 200850 200870	Frott, ġewż u partijiet oħra li jittieklu tal-pjanti, maħduma jew preservati mod ieħor, għandhom jew m'għandhomx zokkor miżjud jew xi sustanza oħra ta' ħlewwa jew spirtu, li m'huma speċipikati jew inklużi mkien ieħor f'dawn id-dokumenti. -Berquq -Ħawħ
2009 2009 41 2009 41 10	Meraq tal-frott (inkluż l-għasir ta' l-għeneb qabel ma jeħmer u jsir inbid) u meraq tal-ħxejjex, mhux iffermentati u mingħajr spirtu miżjud, miżjuda jew m'humiex biz-zokkor jew b'xi sustanza tal-ħlewwa. - meraq ta' l-ananas --- Oħrajn
2009 69	- Meraq ta' l-għeneb (inkluż l-għasir ta' l-għeneb qabel ma jeħmer u jsir inbid)
2206	Xorb iffermentat ieħor (per eżempju, is-sidru, il-meraq imħemmer tal-lanġas, l-estratt mill-għasel iffermentat u l-ilma); taħlitiet ta' xarbiet iffermentati u taħlitiet ta' xarbiet iffermentati ma' xarbiet non-alkoħoliċi, li m'humiex speċifikati jew inklużi x'imkien ieħor f'dawn id-dokumenti.
2302 230230	Nuħħala, staċċaturi u residwi oħra, kemm jekk f'forma ta' gerbub jew le, imnissla mit-tgħarbil, it-tħin jew ħdim ieħor taċ-ċereali jew il-pjanti/haxix li jittieklu. - tal-qamħ
2306 230690	Għalf għall-annimali magħmul miż-żrieragħ wara li jkun ingħasar iż-żejt minnhom, u residwi solidi oħrajn, huma jew m'humiex mitħuna jew f'forma ta' gerbub, riżultat ta' l-estratt mix-xaħmijiet jew iż-żjut tal-ħxejjex, ħlief għal dawk li ma jaqgħux taħt it-titli Nru 23.04 jew 23.05. - Oħrajn
2309 230990	Preparamenti ta' prodotti użati għall-għalf ta' l-annimali. - Oħrajn

Anness V

“Anness IV(f)

IL-KONĊESSJONI TAT-TARIFFA KROATA GĦALL-PRODOTTI AGRIKOLI

(Tnaqqis progressiv tad-dazji tan-Nazzjon l-Iżjed Preferit – MFN – fil-limiti tal-kwota)

(kif imsemmi fl-Artikolu 27(3)(f)

Dazji tad-dwana għall-kommoditajiet elenkati f’dan l-anness għandhom jitnaqqsu skond it-tabella li ġejja:

– nhar l-1 ta’ Mejju 2004 kull dazju għandu jkun 70% tad-dazju bażiku;

– nhar l-1 ta’ Jannar 2005 kull dazju għandu jonqos għal 60% tad-dazju bażiku;

– nhar l-1 ta’ Jannar 2006 kull dazju għandu jonqos għal 50% tad-dazju bażiku.

Kowd tariffi Kroati	**Deskrizzjoni**	**Kwota tat-Tariffi** tunnellati	**Żieda kull sena** tunnellati
0102 90	Bhejjem ta’ l-ifrat ħajjin	220	10
0202	Laħam tal-bhejjem ta’ l-ifrat, iffriżat.	3 300	150
0203	Laħam tal-majjal, frisk, imkessaħ jew iffriżat.	8 030	365
0701	Patata, friska jew imkessħa.	13 200	600
0703 10 0703 90	Basal u l-basal li jikber f’għenieqed (*shallots*), Kurrat u ħxejjex oħra li jintiegħmu jew jinxtammu bhall-basal jew it-tewm	11 290	500
0807 11 00 0807 19 00	-Bettieħ (inkluż id-dulliegħ) :	6 210	275
0808 10	Tuffieħ frisk	6 000	300
1101	Qamħ jew trab fin imħallat.	990	45
1103	Xgħir u barli mitħuna oħxon, trab u f’forma ta’ gerbub	8 580	390
1107	Xgħir, inkaljat jew mhux.	17 500	750
1601 00	Zlazet u prodotti simili	1 980	90
1602 10 sa 1602 39 1602 50 sa 1602 90	Laħam, ġewwieni ta’ l-annimali li jittiekel jew demm, maħduma jew preservati ħlief dawk tal-qżieqeż	560	30
2401	Tabakk mhux manifatturat; rmoxk tat-tabakk.	220	10

Anness VI

“Anness IV(g)

IL-KONĊESSJONI TAT-TARIFFA KROATA GĦALL-PRODOTTI AGRIKOLI

(kif imsemmi f’Artikolu 27(3)(g))

Id-dazji tad-dwana għall-kommoditajiet elenkati f’dan l-anness għandhom jiġu applikati kif indikat mill-1 ta’ Mejju 2004.

Kowd tariffi Kroati	Deskrizzjoni	Kwota tat-Tariffi tunnellati	Dazju applikabbli
0102 90 05 0102 90 21 0102 90 29 0102 90 41 0102 90 49 0102 90 71	Bhejjem ta’ l-ifrat ħajjin	9 000	15%
0103 91 0103 92	Qżieqeż ħajjin	2 550	15%
0105920020	Tjur ta’ l-ispeċi *Gallus domesticus* li ma jiżnux iktar minn 2000g	90	10%
0203	Laħam tal-majjal, frisk, imkessaħ jew iffriżat	3 570	25%
0401	Ħalib u krema, la konċentrati lanqas miżjuda biz-zokkor jew b’sustanzi oħra ta’ ħlewwa.	12 600	€4.2/100kg
0704 90 10	Kaboċċi	160	50% mfn
0706 10 00	Zunnarija friska jew imkessħa	140	50% mfn
0706 90 30 0706 90 90	Għeruq il-mustarda, frisk jew imkessaħ Kaboċċi	110	50% mfn
0707	Ħjar jew ħjar miż-żgħir għall-immarinat jew pikles *(gherkins*), friski jew imkessħa	200	10%
0709 51 00	Faqqiegħ, frisk jew imkessaħ	340	10%

0709 59 00	Fonoġ, faqqiegħ maqsum minn fuq		
0709 60 10	Sweet peppers, fresh or chilled	310	12%
0710 2100 0710 2200 0710 9000	Ħxejjex mhux imsajra jew imsajra fuq il-fwar jew f'ilma jagħli, iffriżati	1 500	7%
1001 90 99	Qamħ u trab fin imħallat, oħrajn	9 000	15%
1005 90	Qamħirrum, ieħor	20 000	9%
1206 00 91 1206 00 99	Żerriegħa tal-ġirasol, imqaxxra jew m'hijiex.	2 160	6%
1517 10 90	Marġerina	1 200	20%
1601 00 *	Zlazet u prodotti simili *	1 500	10%
160210 – 160239	Laħam, ġewwieni ta' l-annimali li jittiekel jew demm, maħduma jew preservati ħlief dawk tal-qżieqeż	240	10%
160241 - 1602 49	Laħam tal-majjal maħdum jew preservat	180	10%
1702 40	Glukosju u x-xropp tal-glukosju, li fi stat imnixxef għandhom mill-inqas 20% imma inqas minn 50% fruktosju f'toqolhom	1 000	5%
1703 90 00	Gulepp mix-xitla tal-pitravi	14 500	14%
2001	Ħjar u ħjar miż-żgħir għall-immarinat jew pikles *(gherkins*), oħrajn maħduma jew ippreservati bil-ħall u l-aċidu aċetiku.	1 650	15%

* Fis-sena 2005 il-kwota għall-prodotti 160100 hija soġġetta għal żieda ta' 400t.

Anness VII

"<u>ANNESS V(a)</u>

Prodotti kif imsemmija f'Artikolu 15(1)

Importazzjoni lejn il-Komunità Ewropea ta' dawn il-prodotti li ġejjin li joriġinaw mill-Kroazja għandhom ikunu soġġetti għall-konċessjonijiet stipulati hawn taħt.

Kowd CN	Deskrizzjoni	2004	2005 'l quddiem
0301 91 10 0301 91 90 0302 11 10 0302 11 20 0302 11 80 0303 21 10 0303 21 20 0303 21 80 0304 10 15 0304 10 17 ex 0304 10 19 ex 0304 10 91 0304 20 15 0304 20 17 ex 0304 20 19 ex 0304 90 10 ex 0305 10 00 ex 0305 30 90 0305 49 45 ex 0305 59 80 ex 0305 69 80	Trota (*Salmo trutta, Oncorhynchus mykiss, Oncorhynchus clarki, Oncorhynchus aguabonita, Oncorhynchus gilae, Oncorhynchus apache u Oncorhynchus chrysogaster*): ħajja; friska jew imkessħa; iffriżata; imnixxfa, immellħa jew imqiegħda fl-ilma mielaħ, affumikata; flettijiet u laħam tal-ħut ieħor; trab fin, miṫun trab u f'forma ta' gerbub, tajjeb biex jittiekel	KT: 25 t meta 0% Ogħla mill-KT: 70% tad-dazju MFN	KT: 25 t meta 0% Ogħla mill-KT: 70% tad-dazju MFN
0301 93 00 0302 69 11	Karpjun: ħaj; frisk jew imkessaħ; iffriżat; imnixxef, immellaħ jew imqiegħed fl-ilma mielaħ, affumikat; flettijiet u laħam tal-ħut ieħor; trab fin, miṫun trab u f'forma ta' gerbub,	KT:210 t meta 0 % Ogħla mill-KT: 70 % tad-dazju MFN	KT:210 t meta 0 % Ogħla mill-KT: 70% tad-dazju MFN

Kowd CN	Deskrizzjoni	2004	2005 ’l quddiem
0303 79 11 ex 0304 10 19 ex 0304 10 91 ex 0304 20 19 ex 0304 90 10 ex 0305 10 00 ex 0305 30 90 ex 0305 49 80 ex 0305 59 80 ex 0305 69 80	tajjeb biex jittiekel		
ex 0301 99 90 0302 69 61 0303 79 71 ex 0304 10 38 ex 0304 10 98 ex 0304 20 94 ex 0304 90 97 ex 0305 10 00 ex 0305 30 90 ex 0305 49 80 ex 0305 59 80 ex 0305 69 80	Sparli (*Dentex dentex u Pagellus spp*.): ħajjin, friski jew imkessħa; iffriżati; imnixxfa, immellħa jew imqiegħda fl-ilma mielaħ, affumikati; flettijiet u laħam tal-ħut ieħor; trab fin, mitħun trab u f’forma ta’ gerbub, tajjeb biex jittiekel	KT: 35 t meta 0 % Ogħla mill-KT: 30% tad-dazju MFN	Kt: 35 t meta 0 % Ogħla mill-KT: 30% tad-dazju MFN
ex 0301 99 90 0302 69 94 ex 0303 77 00 ex 0304 10 38 ex 0304 10 98 ex 0304 20 94	Spnott (*Dicentrarchus labrax*): frisk jew imkessaħ; iffriżat; imnixxef, immellaħ jew imqiegħed fl-ilma mielaħ, affumikat; flettijiet u laħam tal-ħut ieħor; trab fin, mitħun trab u f’forma ta’ gerbub, tajjeb biex jittiekel	KT:650 t meta 0 % Ogħla mill-KT: 30 % tad-dazju MFN	KT:650 t meta 0 % Ogħla mill-KT: 30 % tad-dazju MFN

Kowd CN	Deskrizzjoni	2004	2005 ’l quddiem
ex 0304 90 97 ex 0305 10 00 ex 0305 30 90 ex 0305 49 80 ex 0305 59 80 ex 0305 69 80			

Kowd CN	Deskrizzjoni	2004
1604 13 11 1604 13 19 ex 1604 20 50	Sardin maħdum jew ippreservat	KT: 180t meta 6% Oġħla mill-KT: id-dazju MFN sħiħ
1604 16 00 1604 20 40	Inċova maħduma jew ippreservata	KT: 50 t meta 0 % Oġħla mill-KT: id-dazju MFN sħiħ
1604	Ħut maħdum jew ippreservat; kavjal u sostituti tal-kavjal maħduma mill-bajd tal-ħut	KT: 1290t meta 0% Oġħla mill-KT: tariffa mnaqqsa ara hawn taħt

Kowd CN	Deskrizzjoni	2005 ’l quddiem
1604	Ħut maħdum jew preservat; kavjal u sostituti tal-kavjal maħduma mill-bajd tal-ħut	KT: 1550t meta 0% Oġħla mill-KT: tariffa mnaqqsa ara hawn taħt

Fil-każijiet oġħla mill-kwoti tat-tariffi, ir-rata tad-dazju applikabbli għall-prodotti kollha HS pożizzjoni 1604 ħlief is-sardin u l-inċova maħduma jew preservata, għandha tkun 60% ta’ l-MFN fl-2004 u 50% ta’ l-MFN mill-2005 ’l quddiem. Għas-sardin u l-inċova oġħla mill-kwoti tat-tariffi r-rata tad-dazju għandha tkun id-dazju MFN sħiħ.

Anness VIII

"<u>ANNESS V(b)</u>

Prodotti kif imsemmija f'Artikolu 15(2)

Importazzjoni lejn il-Kroazja ta' dawn il-prodotti li ġejjin li joriġinaw mill-Komunità Ewropea għandhom ikunu soġġetti għall-konċessjonijiet stipulati hawn taħt.

Kowd CN	Deskrizzjoni	2004	2005 'l quddiem
0301 91 10 0301 91 90 0302 11 10 0302 11 20 0302 11 80 0303 21 10 0303 21 20 0303 21 80 0304 10 15 0304 10 17 ex 0304 10 19 ex 0304 10 91 0304 20 15 0304 20 17 ex 0304 20 19 ex 0304 90 10 ex 0305 10 00 ex 0305 30 90 0305 49 45 ex 0305 59 80 ex 0305 69 80	Trota (*Salmo trutta, Oncorhynchus mykiss, Oncorhynchus clarki, Oncorhynchus aguabonita, Oncorhynchus gilae, Oncorhynchus apache u Oncorhynchus chrysogaster*): ħajja; friska jew imkessħa; iffriżata; imnixxfa, immellħa jew imqiegħda fl-ilma mielaħ, affumikata; flettijiet u laħam tal-ħut ieħor; trab fin, mitħun trab u f'forma ta' gerbub, tajjeb biex jittiekel	KT: 25 t meta 0% Ogħla mill-KT: 70% tad-dazju MFN	KT: 25 t meta 0% Ogħla mill-KT: 70% tad-dazju MFN
0301 93 00	Karpjun: ħaj; frisk jew imkessaħ; iffriżat; imnixxef, immellaħ jew imqiegħed fl-ilma mielaħ, affumikat; flettijiet u laħam tal-ħut	KT: 30 t meta 0 % Ogħla mill-KT:	KT: 30 t meta 0 % Ogħla mill-KT: 7

Kowd CN	Deskrizzjoni	2004	2005 ’l quddiem
0302 69 11 0303 79 11 ex 0304 10 19 ex 0304 10 91 ex 0304 20 19 ex 0304 90 10 ex 0305 10 00 ex 0305 30 90 ex 0305 49 80 ex 0305 59 80 ex 0305 69 80	ieħor; trab fin, miṫun trab u f’forma ta’ gerbub, tajjeb biex jittiekel	70% tad-dazju MFN	70% tad-dazju MFN
ex 0301 99 90 0302 69 61 0303 79 71 ex 0304 10 38 ex 0304 10 98 ex 0304 20 94 ex 0304 90 97 ex 0305 10 00 ex 0305 30 90 ex 0305 49 80 ex 0305 59 80 ex 0305 69 80	Sparli (*Dentex dentex u Pagellus spp*.): ħajjin, friski jew imkessħa; iffriżati; imnixxfa, immellħa jew imqiegħda fl-ilma mielaħ, affumikati; flettijiet u laħam tal-ħut ieħor; trab fin, miṫun trab u f’forma ta’ gerbub, tajjeb biex jittiekel	KT: 35 t meta 0 % Ogħla mill-KT: 30% tad-dazju MFN	KT: 35 t meta 0 % Ogħla mill-KT: 30% tad-dazju MFN
ex 0301 99 90 0302 69 94 ex 0303 77 00 ex 0304 10 38	Spnott (*Dicentrarchus labrax*): frisk jew imkessaħ; iffriżat; imnixxef, immellaħ jew imqiegħed fl-ilma mielaħ, affumikat; flettijiet u laħam tal-ħut ieħor; trab fin, miṫun trab u f’forma ta’ gerbub, tajjeb biex jittiekel	KT: 60 t meta 0 % Ogħla mill-KT: 30 % tad-dazju MFN	KT: 60 t meta 0 % Ogħla mill-KT: 30 % tad-dazju MFN

Kowd CN	Deskrizzjoni	2004	2005 ’l quddiem
ex 0304 10 98			
ex 0304 20 94			
ex 0304 90 97			
ex 0305 10 00			
ex 0305 30 90			
ex 0305 49 80			
ex 0305 59 80			
ex 0305 69 80			

Kowd CN	Deskrizzjoni	2004
1604 13 11 1604 13 19 ex 1604 20 50 1604 16 00 1604 20 40	Sardin maħdum jew preservat Inċova maħduma jew preservata	KT : 95 t meta 10% Ogħla mill-KT: id-dazju MFN sħiħ
1604	Ħut maħdum jew preservat; kavjal u sostituti tal-kavjal maħduma mill-bajd tal-ħut,	KT: 215t meta 0% Ogħla mill-KT: tariffi mnaqqsa ara hawn taħt

Kowd CN	Deskrizzjoni	2005 ’l quddiem
1604	Ħut maħdum jew preservat; kavjal u sostituti tal-kavjal maħduma mill-bajd tal-ħut	KT: 310 t meta 0 % Ogħla mill-KT: tariffi mnaqqsa ara hawn taħt

Fil-każijiet ogħla mill-kwoti tat-tariffi, ir-rata tad-dazju applikabbli għall-prodotti kollha HS pożizzjoni 1604 ħlief is-sardin u l-inċova maħduma jew preservata, għandha tkun 60% ta’ l-MFN fl-2004 u 50% ta’ l-MFN mill-2005 ’l quddiem. Għas-sardin u l-inċova ogħla mill-kwoti tat-tariffi r-rata tad-dazju għandha tkun id-dazju MFN sħiħ.

Anness IX

(Prodotti msemmija fl-Artikolu 25 ta' l-SAA)

"Lista 2: **Kwoti u dazji applikabbli għal oġġetti importati lejn il-Kroazja u oriġinati mill-Komunità**

Nota: Il-prodotti elenkati f'din it-Tabella għandhom igawdu minn tariffa ta' dazju-żero fil-limiti tal-kwoti tat-tariffi stipulati hawn isfel. Il-volum ta' dawn il-kwoti jiżdied kull sena fis-snin 2005 u 2006 kif stipulat fil-lista. Id-dazju applikabbli għall-kwantitajiet li jaqbżu dawn il-volumi jonqos fis-snin 2004, 2005 u 2006 għal 70%. 60% u 50% tar-rata tad-dazju MFN.

Kowd CN	Deskrizzjoni	Kwota għall-2004	Kwota għall-2005	Kwota għall-2006 u s-snin ta' wara
(1)	(2)	(3)	(4)	(5)
0403	Ix-xorrox tal-butir, ħalib u krema mbaqqta, jogurt, kefir u ħalib u krema oħrajn iffermentati jew aċidifikati huma jew m'humiex konċentrati jew miżjuda biz-zokkor jew b'xi sustanza oħra ta' ħlewwa jew miżjuda b'ingredjenti artifiċjali għat-togħma jew miżjuda l-frott, il-ġewż jew il-kawkaw:	2 070 tunnellata metrika	2 230 tunnellata metrika	2 390 tunnellata metrika
0403 10	- Jogurt:			
0403 10 51 sa 0403 10 99	-- Miżjuda b'ingredjenti artifiċjali għat-togħma jew miżjuda l-frott, il-ġewż jew il-kawkaw			
0403 90	- Oħra:			
0403 90 71 sa 0403 90 99	-- miżjuda b'ingredjenti artifiċjali għat-togħma jew miżjuda l-frott, il-ġewż jew il-kawkaw			
0405	Butir u xaħmijiet u żjut oħra mnissla mill-ħalib; firxiet ta' prodotti tal-ħalib:	60 tunnellata metrika	64 tunnellata metrika	68 tunnellata metrika
0405 20	- firxiet ta' prodotti tal-ħalib:			
0405 20 10	--Ta' kontenut ta' xaħam, bil-piż, ta' 39% jew aktar imma inqas minn 60%			
0405 20 30	--Ta' kontenut ta' xaħam, bil-piż, ta' 60% jew aktar imma ma jaqbiżx il-75%			
1517	Marġerina; taħlit jew preparamenti ta' xaħmijiet jew żjut ta' l-annimali jew tal-ħxejjex jew ta' frazzjonijiet ta' xaħmijiet jew żjut differenti ta' dan il-kapitlu, li jkunu tajba għall-ikel, ħlief għax-xaħmijiet jew iż-żjut jew frazzjonijiet tagħhom li jaqgħu taħt it-titlu Nru 1516:	600 tunnellata metrika	650 tunnellata metrika	700 tunnellata metrika
1517 10	-Marġerina, eskluża l-marġerina likwida:			
1517 10 10	--B'kontenut ta' aktar minn 10% imma mhux aktar minn 15% bil-piż tax-xaħmijiet tal-ħalib			
1517 90	- Oħrajn:			

Kowd CN	Deskrizzjoni	Kwota għall-2004	Kwota għall-2005	Kwota għall-2006 u s-snin ta' wara
(1)	(2)	(3)	(4)	(5)
1517 90 10 1517 90 93	-- B'kontenut ta' aktar minn 10% imma mhux aktar minn 15%, bil-piż, tax-xaħmijiet tal-ħalib --Oħrajn ---Taħlit jew preparamenti tajbin għall-ikel ta' tip użati bħala preparamenti għall-ħruġ tal-moffa			
2201 2201 10	Ilmijiet, inklużi ilmijiet naturali jew artifiċjali u effervixxenti, li ma fihomx zokkor miżjud jew xi sustanzi ta' ħlewwa jew ingredjenti artifiċjali miżjuda għat-togħma; silġ u silġ imfarrak: -Ilmijiet minerali u effervixxenti	16 200 tunnellata	16 550 tunnellata	16 900 tunnellata
2205	Vermut u nbid ieħor magħmul mill-għeneb frisk imħawwar bi pjanti jew b'sustanzi	360 hl	390 hl	420 hl
2208 ex2208 90 33 ex2208 90 38	Alkoħol etiliku mhux denaturat ta' saħħa alkoħolika bil-volum ta' inqas minn 80% vol; spirti, likuri u xorb ieħor alkoħoliku: ----brandi ta' l-għanbaqar (Slivovitz)	60 hl	65 hl	70 hl
2402 2402 20 2402 90 00	Sigarri, *cheroots*, sigarri żgħar u sigaretti, magħmula mit-tabakk jew minn sostituti tat-tabakk: -Sigaretti b'kontenut tat-tabakk -Oħrajn	30 tunnellata	32,5 tunnellata	35 tunnellata
2403 2403 10	Tabakk ieħor manifatturat u sostituti tat-tabakk manifatturati, tabakk "omoġenizzat" jew "rikostitwit"; essenzi u estratti tat-tabakk: -Tabakk tat-tipjip, fih jew ma fihx sostituti tat-tabakk kbir kemm hu kbir il-proporzjon	36 tunnellata	39 tunnellata	42 tunellata

Lista 3: **Kwoti u dazji applikabbli għal oġġetti importati lejn il-Kroazja u oriġinati mill-Komunità**

Nota: Il-prodotti elenkati f'din it-Tabella għandhom igawdu l-konċessjonijiet stipulati hawn taħt. Il-volum tal-kwoti tat-tariffi jiżdiedu kull sena fis-snin 2005 u 2006 kif jidher fit-tabella. Id-dazju applikabbli għal kwantitajiet li jeċċedu dawn il-volumi jitnaqqas matul is-snin 2004, 2005 u 2006 għal 65 %, 55% u 40% tar-rata tad-dazju MFN

Kowd CN	Deskrizzjoni	Kwota (tunnellati)			Dazju applikabbli fil-limitu tal-kwota
		2004	2005	2006 u s-snin ta' wara	(% MFN)
(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)
1704 1704 90	Zokkor ikkunfettat (inkluża l-ċikkulata bajda), li ma fihx kawkaw: -Oħra	1 100	1 150	1 200	0
1806	Ċikkulata u preparamenti oħra ta' l-ikel li fihom il-kawkaw	2 130	2 270	2 410	0
1905	Ħobż, għaġina, kejkijiet, gallettini u prodotti oħra tal-furnar, fihom jew ma fihomx kawkaw; ostji tat-tqarbin, kaxejiet vojta tat-tip li huma tajba għall-użu farmakewtiku, wejfers li jissiġillaw, karta tar-ross u prodotti simili	2 920	3 080	3 240	0
2105 00	Ġelat u silġ ieħor li jittiekel, fihom u ma fihomx kawkaw	1.290	1.360	1.430	0
2202	Ilmijiet, inklużi ilmijiet minerali u effervixxenti, li fih iz-zokkor miżjud jew xi sustanzi ta' ħlewwa oħra jew ingredjenti artifiċjali miżjuda għat-togħma, u xorb ieħor mhux alkoħoliku, imma mhux inklużi l-meraq tal-frott u l-ħxejjex li jaqgħu taħt it-titlu Nru 2009	16 300	17 200	18 100	0

Lista 4: **Kwoti u dazji applikabbli għal oġġetti importati lejn il-Kroazja u oriġinati mill-Komunità**

Nota: Il-prodotti elenkati f'din it-Tabella għandhom igawdu mit-tariffa dazju-żero fil-limiti tal-kwoti tat-tariffi annwali kif stipulati hawn taħt. Għall-kwantitajiet li jeċċedu l-kwota, japplikaw il-kondizzjonijiet stipulati f'Anness II, lista 1 tal-Protokoll 3.

Kowd CN	Deskrizzjoni	Kwoti (f'tunnellati)		
		2004	2005	2006
ex 2103 2103 90 30 2103 90 90	Zlazi u l-preparamenti tagħhom, kondimenti mħallta u taħwir imħallat, mustarda trab fina u mustarda maħduma trab: --Xorb aromatiku mrajjar ta' saħħa alkoħolika bil-volum ta' 44.2 sa 49,2 % vol b'kontenut minn 1.5 sa 6 %, bil-piż, ta' ġenzjana, ħwawar u ingredjenti varji u minn 4 sa 10% ta' zokkor, f'reċipjenti li jesgħu 0.5 ta' litru jew anqas -- oħra	300	300	300

Anness X

“Anness I

FTEHIM BEJN IL-KOMUNITÀ EWROPEA U R-REPUBBLIKA TAL-KROAZJA DWAR KONĊESSJONIJIET PREFERENZJALI REĊIPROĊI KUMMERĊJALI FUQ ĊERTI NBEJJED

1. Importazzjoni lejn il-Komunità tal-prodotti li ġejjin li l-oriġini tagħhom hija mir-Repubblika tal-Kroazja għandhom igawdu mill-konċessjonijiet kif stipulati hawn taħt mill-1 ta’ Mejju 2004:

Kowd CN	Deskrizzjoni	Dazju applikabbli	Kwantitajiet annwali (hl)	Żidiet annwali (hl)	Provvedimenti speċifiċi
ex 2204 10 ex 2204 21	Inbid ifexfex ta’ kwalità Inbid minn għeneb frisk	eżenzjoni	44 000	10 000	(1)(2)
ex 2204 29	Inbid minn għeneb frisk	eżenzjoni	29 000	0	(2)

(1) Bil-kondizzjoni li mill-anqas 80% tal-kwantità eliġibbli tkun ġiet utilizzata matul is-sena ta’ qabel, iż-żieda annwali hija applikata sakemm is-somma tal-kwota li tapplika għall-pożizzjonijiet ex 2204 10 u ex 2204 21 u l-kwota li tapplika għall-pożizzjoni ex 2204 29 tilħaq il-massimu ta’ 98 000 hl.

(2) Jistgħu jsiru konsultazzjonijiet fuq it-talba ta’ waħda mill-Partijiet tal-Kuntratt biex jiġu adattati l-kwoti permezz tat-trasferiment ta’ kwantitajiet mill-kwota li tapplika għall-pożizzjoni ex 2204 29 għall-kwota li tapplika għall-pożizzjonijiet ex 2204 10 u ex 2204 21.

2. Il-Komunità tikkonċedi r-rata preferenzjali ta’ dazju-żero fil-limiti tal-kwoti tat-tariffi kif imfisser taħt punt 1, bil-kondizzjoni li ebda sussidji għall-esport m’għandhom jitħallsu għall-esportazzjoni ta’ dawn il-kwantitajiet mir-Repubblika tal-Kroazja.

3. Importazzjoni lejn ir-Repubblika tal-Kroazja tal-prodotti li ġejjin u li joriġinaw mill-Komunità għandhom igawdu mill-konċessjonijiet kif jidhru hawn taħt mill-1 ta’ Mejju 2004:

Kowd tariffi Kroati tad-dwana	Deskrizzjoni	Dazju applikabbli	Kwantitajiet annwali (hl)	Żidiet annwali (hl)	Provvedimenti speċifiċi
ex 2204 10 ex 2204 21	Inbid ifexfex ta’ kwalità Inbid minn għeneb frisk	eżenzjoni	14 000	800	(1)
ex 2204 29	Inbid minn għeneb frisk	eżenzjoni	8 000	0	

(1) Bil-kondizzjoni li mill-anqas 80% tal-kwantità eliġibbli tkun ġiet utilizzata matul is-sena ta' qabel, iż-żieda annwali hija applikata sakemm is-somma tal-kwota tilħaq il-massimu ta' 98 000 hl.

4. Ir-repubblika tal-Kroazja tikkonċedi r-rata preferezjali ta' dazju-żero fil-limiti tal-kwoti tat-tariffi kif imfisser taħt punt 3, The Republic of Croatia shall grant a preferential żero-duty within tariff quotas as mentioned under point 3, bil-kondizzjoni li ebda sussidji għall-esport m'għandhom jitħallsu għall-esportazzjoni ta' dawn il-kwantitajiet mill-Komunità.

5. Dan il-Ftehim għandu jkopri l-inbid

   (a) li ġie prodott minn għeneb frisk imkabbar kollu kemm hu u maħsud fit-territorju tal-Parti tal-Kuntratt in kwistjoni,

   (b) (i) joriġina mill-UE, u ġie prodott skond ir-regoli li jamministraw il-prattika enoloġika u l-proċessi msemmija f'Titlu V tal-Kunsill Regolatorju (KE) Nru 1493/1999;

   (ii) joriġina mir-Repubblika tal-Kroazja, u ġie prodott skond ir-regoli li jamministraw il-prattika enoloġika u l-proċessi konformi mal-liġi Kroata. Dawn ir-regoli enoloġiċi li qed issir referenza għalihom għandhom ikunu konformi mal-leġislazzjoni tal-Komunità.

6. L-importazzjoni ta' l-inbid bil-konċessjonijiet li dan il-Ftehim jikkonċedi hija soġġetta għall-preżentazzjoni ta' ċertifikat maħruġ minn entità uffiċċjali rikonoxxuta miż-żewġ partijiet li jidher fuq il-listi li jkunu ntgħamlu miż-żewġ partijiet flimkien, bħala konferma li l-inbid in kwistjoni huwa konformi ma' punt 5(b).

7. Sa mhux aktar tard mill-ewwel kwart ta' l-2005, il-Partijiet tal-Kuntratt għandhom jeżaminaw l-opportunitajiet biex jikkonċedu lil xulxin iktar konċessjonijiet filwaqt li jieħdu in konsiderazzjoni l-iżvilupp tan-negozju ta' l-inbid bejn il-Partijiet tal-Kuntratt.

8. Il-Partijiet tal-Kuntratt għandhom jiżguraw li l-benefiċċji konċessi reċiprokament m'humiex f'kontradizzjoni ma' xi miżuri oħra.

9. Għandhom isiru konsultazzjonijiet fuq talba li Parti jew oħra tal-Partijiet tal-Kuntratt dwar kull problema li tirrigwarda l-mod kif jopera dan il-Ftehim.

10. Dan il-Ftehim min-naħa l-waħda għandu japplika fit-territorji fejn jorbot it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea u taħt il-kondizzjonijiet stipulati f'dak it-Trattat, u, min-naħa l-oħra, fit-territorju tar-Repubblika tal-Kroazja.

Anness XI

"**ANNESS I**

NOTI TA' INTRODUZZJONI GĦAL-LISTA F'ANNESS II

Nota 1:

Il-lista tistipula l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-prodotti kollha biex ikunu meqjusa bħala prodotti suffiċjentement maħduma jew ipproċessati skond it-tifsira ta' l-Artikolu 6 tal-Protokoll.

Nota 2:

2.1. L-ewwel żewġ kolonni fil-lista jiddeskrivu l-prodott ottenut. Fl-ewwel kolonna jidher in-numru tat-titlu jew in-numru tal-kapitlu użat fis-Sistema Armonizzata u fit-tieni kolonna tidher deskrizzjoni ta' l-oġġetti użati f'dik is-sistema taħt dak it-titlu jew kapitlu. Għal kull entratura fl-ewwel żewġ kolonni, hemm regola speċifikata f'kolonna 3 jew 4. Fejn, bħal ma jidher fi każi, ikun hemm "ex" quddiem entratura fl-ewwel żewġ kolonni, dan ikun ifisser li r-regoli f'kolonni 3 jew 4 japplikaw biss għall-parti ta' dak it-titlu li d-deskrizzjoni tagħha tidher f'kolonna 2.

2.2. Meta diversi numri ta' titli huma aggruppati flimkien f'kolonna 1 jew jingħata numru ta' kapitlu u għaldaqstant id-deskrizzjoni tal-prodotti f'kolonna 2 hija mogħtija f'termini ġenerali, ir-regoli ta' biswit f'kolonna 3 jew 4 japplikaw għall-prodotti kollha li, taħt is-Sistema Armonizzata, huma kklassifikati taħt it-titli tal-kapitlu jew taħt wieħed mit-titli, hu liema hu, aggruppati flimkien f'kolonna 1.

2.3. Fejn hemm regoli differenti fil-lista li japplikaw għal prodotti differenti taħt titlu partikolari, kull fejn hemm inċiż tingħata deskrizzjoni ta' dik il-parti tat-titlu kopert mir-regoli ta' biswit f'kolonna 3 jew 4.

2.4. Fejn, għal entratura fl-ewwel żewġ kolonni, ikun hemm regola speċifikata kemm f'kolonni 3 u f'kolonna 4, l-esportatur jista' jagħżel, bħala alternattiva, li japplika jew ir-regola stipulata f'kolonna 3 jew dik f'kolonna 4. Jekk f'kolonna 4 ma tingħata l-ebda regola oriġinali, tiġi applikata r-regola f'kolonna 3.

Nota 3:

3.1. Għandhom japplikaw il-provvedimenti ta' l-Artikolu 6 tal-Protokoll għall-prodotti li ngħataw l-istatus ta' oriġini li huma użati fil-manifattura ta' prodotti oħra, irrispettivament jekk dan l-istatus inkisibx fil-fabbrika fejn jintużaw dawn il-prodotti jew f'xi fabbrika oħra fil-Komunità jew il-Kroazja.

Eżempju:

Magna li taqa' taħt it-titlu 8407 li għaliha r-regola tistipula li l-valur tal-materjal non-oriġinat li jagħmel parti minn din il-magna ma' jistax jaqbeż l-40% tal-prezz tal-prodott fl-istat finalizzat tiegħu, hija magħmula minn "liga ta' l-azzar oħra iffurmata bil-forġa b'mod mhux irfinut" – element li jaqa' taħt it-titlu ex 7224.

Jekk dan ix-xogħol bil-forġa sar fil-Komunità minn lingotta ta' status non-oriġinat, ix-xogħol diġà jkun kiseb status ta' oriġini b'riħet ir-regola taħt it-titlu ex 7224 fil-lista. Ix-xogħol, għaldaqstant, jista' jingħadd bħala oriġinali fil-proċess ta' kalkolazzjoni tal- valur tal-magna, irrispettivament jekk kenitx prodotta fl-istess fabbrika jew f'fabbrika oħra fil-Komunità. Għalhekk, il-valur tal-lingotta non-oriġinali ma jiġix ikkunsidrat meta jingħadd il-valur tal-materjal non-oriġinali użat.

3.2. Ir-regola fil-lista tindika l-ammont minimu ta' xogħol jew ipproċessar meħtieġ, u ż-żieda ta' aktar xogħol jew ipproċessar ukoll jikkonferixxi status ta' oriġini; bil-maqlub, inqas xogħol jew ipproċessar ma jistax jikkonferixxi status ta' oriġini. Għaldaqstant, jekk ikun hemm regola li tgħid li l-materjal non-oriġinali f'ċertu livell ta' manifattura jista' jintuża, l-użu ta' dan l-istess materjal fi stadju iżjed bikri tal-manifattura huwa permess, imma l-użu ta' dan il-materjal fi stadju avvanzat tal-manifattura m'huwiex permess.

3.3. Mingħajr preġudizzju għan-Nota 3.2, meta regola tinqeda bl-espressjoni "Manifattura minn materjali taħt kwalunkwe titlu", isegwi li materjali taħt kwalunkwe titlu (titli) (anke materjali ta' l-istess deskrizzjoni u taħt l-istess titlu tal-prodott) jista' jintuża, imma bil-kundizzjoni li dan isir skond il-limitazzjonijiet speċifiċi kollha li jistgħu jkunu wkoll parti mir-regola.

Madankollu, l-espressjoni "Manifattura minn materjali taħt kwlaunkwe titlu, inklużi materjali oħra li jaqgħu taħt it-titlu…" jew "Manifattura minn materjali taħt kwalunkwe titlu, inklużi materjali oħra li jaqgħu taħt l-istess titlu tal-prodott" tfisser li jistgħu jintużaw materjali li jaqgħu taħt kwalunkwe titlu (titli), imma mhux dawk il-materjali ta' l-istess deskrizzjoni tal-prodott kif jidher f'kolonna 2 tal-lista.

3.4. Meta regola fil-lista tispeċifika li prodott jista' jkun manifatturat minn aktar minn materjal wieħed, dan ifisser li materjal wieħed jew aktar jista' jintuża jew jintużaw. Ir-regola ma tesiġix li jintużaw il-materjali kollha.

Eżempju:

Ir-regola tat-tessuti li jaqgħu taħt it-titli 5208 sa 5212 tistipula li jistgħu jintużaw fibri naturali u materjali kimiċi, fost materjali oħra, jistgħu jintużaw ukoll. Dan ma jfissirx li bilfors għandhom jintużaw il-fibri naturali kif ukoll il-materjali kimiċi; huwa possibbli li jintużaw jew il-fibri naturali jew il-materjali kimiċi, jew it-tnejn f'daqqa.

3.5. Meta regola fil-lista tispeċifika li prodott għandu jkun manifatturat minn materjal partikolari, ovvjament il-kondizzjoni ma teskludix l-użu ta' materjali oħra li, imħabba n-natura inerenti tagħhom, ma jistgħux jissodisfaw ir-regola (Ara wkoll Nota 6.2 hawn taħt li tirreferi għat-tessuti).

Eżempju:

Ir-regola għall-ikel maħdum taħt it-titlu 1904 li teskludi b'mod speċifiku l-użu taċ-ċereali u d-direttivi tagħhom, ma teskludix l-użu ta' melħ minerali, sustanzi kimiċi u addittivi oħra li m'humiex prodotti miċ-ċereali.

Madankollu, dan ma japplikax għall-prodotti li, għalkemm ma jistgħux jiġu manifatturati mill-materjali partikolari speċifikati fil-lista, jistgħu jinħadmu minn materjal ta' l-istess natura fi stadju ma' manifattura iżjed bikri.

Eżempju:

Fil-każ ta' oġġett ta' lbies li jaqa' taħt ex Kapitlu 62 magħmul minn materjali li m'humiex minsuġa, jekk l-użu tal-ħjut non-oriġinali biss huwa permess, għal dan it-tip ta' oġġett ta' lbies m'huwiex possibbli li l-bidu jkun minn xoqqa li mhix minsuġa – anke jekk ix-xoqqa li mhix minsuġa normalment ma tistax tkun magħmula mill-ħjut. F'każi bħal dawn, il-materjal tal-bidu normalment ikun fl-istadju ta' qabel dak tal-ħjut – jiġifieri fl-istadju tal-fibra

3.6. Fejn, f'regola fil-lista, żewġ perċentaġġi jingħataw għall-valur massimu ta' materjali non-oriġinali li jistgħu jintużaw, f'dan il-każ dawn il-perċentaġġi ma jistgħux jingħaddu flimkien. Fi kliem ieħor, il-valur massimu tal-materjali non-oriġinali kollha ma jista' qatt jeċċedi l-ogħla wieħed miż-żewġ perċentaġġi mogħtija. Minbarra dan, il-perċentaġġi individwali ma jistgħux jinqabżu fejn għandhom x'jaqsmu l-materjali partikolari li għalihom japplikaw dawn il-perċentaġġi.

Note 4:

4.1. It-terminu "fibra naturali" huwa użat fil-lista b'referenza għall-fibra li m'hijiex artifiċjali jew sintetika. It-terminu huwa ristrett għall-istadji ta' qabel ma jsir l-għażil, inkluż l-istadju ta' l-irmoxk, u, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, it-terminu jinkludi fibra mqardxa, mimxuta jew ipproċessata b'xi mod ieħor imma mhux magħżula.

4.2. It-terminu "fibra naturali" jinkludi l-krin li jaqa' taħt it-titlu 0503, il-ħarir taħt it-titli 5002 u 5003, kif ukoll il-fibra tas-suf u x-xagħar fin jew raff ta' l-annimali taħt it-titli 5101 sa 5105, il-fibra tal-qoton taħt it-titli 5201 sa 5203, u fibra veġetali oħra li taqa' taħt it-titli minn 5301 sa 5305.

4.3. It-termini "polpa tat-tessuti", "materjali kimiċi" u "materjali li minnhom jagħmlu l-karta" huma użati fil-lista biex jiddeskrivu l-materjali li m'humiex ikklassifikati f'Kapitli 50 sa 63 u li jistgħu jintużaw biex tiġi manifatturata fibra artifiċjali, sintetika jew tal-karta, jew ħjut.

4.4. It-terminu "fibra mhux maħduma magħmula bl-idejn" huwa użat fil-lista b'referenza għall-istoppa ta' filament sintetiku jew artifiċjali, fibri mhux maħduma jew rmoxk, li jaqgħu taħt it-titli 5501 sa 5507.

Nota 5:

5.1. Fejn, għal prodott partikolari fil-lista, issir referenza għal din in-Nota, il-kundizzjonijiet stipulati f'kolonna 3 m'għandhomx japplikaw għal kull xorta ta' materjali bażiċi tat-tessuti użati fil-manifattura ta' dan il-prodott u li, meħuda flimkien, jirrappreżentaw 10% jew inqas tal-piż totali tal-materjali bażiċi kollha tat-tessuti użati. (Ara wkoll Noti 5.3 u 5.4 hawn taħt.)

5.2. Madankollu, it-tolleranza msemmija f'Nota 5.1 tista' tiġi applikata biss għall-prodotti mħallta magħmula minn żewġ materjali bażiċi tat-tessuti jew aktar.

Dawn li ġejjin huma l-materjali tat-tessuti bażiċi:

- il-ħarir,
- is-suf,
- ix-xagħar ta' l-annimali - raff,
- ix-xagħar ta' l-annimali – fin,
- il-krin,
- il-qoton,
- materjali li minnhom tinħadem il-karta u l-karta,
- il-kittien,
- il-qanneb,
- ġuta u fibra tessili liberjana oħra,
- sisal u fibra tessili oħra tal-ġeneru Agave,
- ġewż ta' l-Indi, manilla, rami u fibra tessili veġetali oħra,
- filamenti sintetiċi magħmula bl-idejn,
- filamenti artifiċjali magħmula bl-idejn,
- filamenti li minnhom jgħaddi l-kurrent elettriku,
- fibra sintetika tal-polipropilenika mhux maħduma magħmula bl-idejn, - fibra sintetika tal-poliester mhux maħduma magħmula bl-idejn,
- fibra sintetika poliamidika mhux maħduma magħmula bl-idejn,
- fibra sintetika tal-poliakrinolitrilika mhux maħduma magħmula bl-idejn,
- fibra sintetika tal-poliimmidi mhux maħduma magħmula bl-idejn,
- fibra sintetika politetrafluoroetilenika mhux maħduma magħmula bl-idejn,
- fibra sintetika tas-sulfid tal-polifenilin mhux maħduma magħmula bl-idejn,
- fibra sintetika tal-klorin tal-polivinil mhux maħduma magħmula bl-idejn,
- fibra sintetika oħra mhux maħduma magħmula bl-idejn,
- fibra artifiċjali tal-visk mhux maħduma magħmula bl-idejn,

- fibra artifiċjali oħra mhux maħduma magħmula bl-idejn,

- ħjut tal-poliuretanika ssegmentat b'segmenti flessibbli tal-polietere, kemm jekk iggimmjat kemm jekk m'huwiex,

- ħjut tal-poliuretanika ssegmentat b'segmenti flessibbli tal-poliester, kemm jekk iggimmjat kemm jekk m'huwiex,

- prodotti li jaqgħu taħt it-titlu 5605 (ħjut metallizzat) li jinkorporaw strixxa li l-parti ċentrali tagħha tkun tal-fuljetta ta' l-aluminju jew ta' rita tal-plastik ikunu jew ma jkunux miksija bit-trab ta' l-aluminju, ta' wisa' li ma jaqbiżx il-5 mm, imfattra bejn żewġ saffi ta' rita tal-plastik permezz ta' adeżiv trasparenti jew kulurit,

- prodotti oħra li jaqgħu taħt it-titlu 5605.

Eżempju:

Ħjut, li jaqgħu taħt it-titlu 5205, tal-fibra tal-qoton li taqa' taħt it-titlu 5203 u fibra sintetika mhux maħduma li taqa' taħt it-titlu 5506, huma ħjut imħallta. Għaldaqstant, fibra sintetika mhux maħduma non-oriġinata li ma tissodisfax ir-regoli dwar l-oriġini (li jesiġu manifattura minn materjali kimiċi jew polpa tat-tessuti) tista' tintuża, bil-kundizzjoni li l-piż totali tagħha ma jaqbiżx l-10% tal-piż tal-ħjut.

Eżempju:

Drapp tas-suf li jaqa' taħt it-titlu 5112 magħmul minn ħjut tas-suf li jaqa' taħt it-titlu 5107 u ħjut sintetiċi ta' fibra mhux maħduma li jaqgħu taħt it-titlu 5509, huwa drapp imħallat. Għaldaqstant, ħjut sintetiċi li ma jissodisfawx ir-reġoli dwar l-oriġini (li jesiġu manifattura minn materjali kimiċi jew polpa tat-tessuti), jew ħjut tas-suf li ma jissodisfawx ir-reħoli dwar l-oriġini (li jesiġu manifattura minn fibra naturali, mhix imqardxa jew mimxuta jew imħejjija b'xi mod ieħor għall-għażil) jew kombinazzjoni tat-tnejn, jistgħu jintużaw, bil-kundizzjoni li l-piż totali tagħhom ma jaqbiżx l-10% tal-piż tad-drapp.

Eżempju:

Drapp tessili bil-għoqod, li jaqa' taħt it-titlu 5802, magħmul mill-medd li jaqa' taħt it-titlu 5205 u d-drapp tat-tajjar li jaqa' taħt it-titlu 5210, huwa prodott imħallat biss jekk id-drapp tat-tajjar fih innifsu huwa drapp imħallat magħmul minn ħjut ikklassifikati taħt żewġ titli separati, jew jekk il-medd użat huwa fih innifsu mħallat.

Eżempju:

Jekk id-drapp tessili bil-għoqod konċernat intgħamel minn medd li jaqa' taħt it-titlu 5205 u minn fibra sintetika taħt it-titlu 5407, allura, ovvjament, il-ħjut użati huma żewġ materjali tessili bażiċi separati u d-drapp tessili bil-għoqod huwa, għaldaqstant, prodott imħallat.

5.3. Fil-każ ta' prodotti li jinkorporaw "ħjut tal-poliuretanika ssegmentat b'segmenti flessibbli tal-polietere, kemm jekk iggimmjat kemm jekk m'huwiex", din it-tolleranza hija 20% fir-rigward ta' dawn il-ħjut.

5.4. Fil-każ ta’ prodotti li jinkorporaw “strixxa li l-parti ċentrali tagħha tkun tal-fuljetta ta’ l-aluminju jew ta’ rita tal-plastik ikunu jew ma jkunux miksija bit-trab ta’ l-aluminju, ta’ wisa’ li ma jaqbiżx il-5 mm, imfattra bejn żewġ saffi ta’ rita tal-plastik permezz ta’ adeżiv trasparenti jew kulurit”, din it-tolleranza hija 30% fir-rigward ta’ din l-istrixxa.

Nota 6:

6.1. Fejn, fil-lista, tintgħamel referenza għal din in-Nota, materjali tessili (bl-eċċezzjoni ta’ materjal użat għall-infurrar u bejn id-drapp ta’ libsa u l-inforra tagħha) li ma jissodisfawx ir-regola stipulata fil-lista ta’ kolonna 3 għall-prodott komplut konċernat, jistgħu jintużaw, bil-kundizzjoni li huma kklassifikati taħt titlu li m’huwiex dak tal-prodott u li l-valur tagħhom ma jaqbiżx it-8% tal-prezz tal-fabbrika tal-prodott.

6.2. Mingħajr preġudizzju għan-Nota 6.3, materjali, li m’humiex ikklassifikati taħt Kapitli 50 sa 63, jistgħu jintużaw liberament fil-manifattura ta’ prodotti tat-tessut immaterjali għandhomx drapp minsuġ.

Eżempju:

Jekk regola fil-lista tipprovdi li, għal oġġett partikolari tat-tessut (bħal m’huwa qalziet), għandhom jintużaw il-ħjut, dan ma jimpedix l-użu ta’ oġġetti tal-metall, bħal m’huma l-buttuni, għaliex il-buttuni m’humiex ikklassifikati taħt Kapitli 50 sa 63. Għall-istess raġuni, ir-regola ma timpedix l-użu taż-żippijiet, avolja normalment iż-żippijiet ikollhom magħhom it-tessut.

6.3. Fejn tapplika regola tal-perċentaġġi, il-valur tal-materjali li m’humiex ikklassifikati taħt Kapitli 50 sa 63 għandhom jiġu kkunsidrati meta jiġi kkalkulat il-valur tal-materjali non-oriġinati inkorporati.

Nota 7:

7.1. Għall-għanijet tat-titli ex 2707, 2713 sa 2715, ex 2901, ex 2902 u ex 3403, il-“proċessi speċifiċi” huma dawn li ġejjin:

(a) distillazzjoni taħt il-vojt;

(b) ridistillazzjoni permezz ta’ proċess ta’ frazzjonament spint;

(c) il-produzzjoni ta’ żejt ħafif minn żejt grass permezz tat-tisħin bil-pressjoni:

(d) il-bdil tal-kompożizzjoni ta’ l-idrokarbonju b’azzjoni katalitika biex jintuża bħala petrol;

(e) estrazzjoni permezz ta’ solventi selettivi;

(f) il-proċess li jinkludi l-operazzjonijiet kollha li ġejjin: l-ipproċessar bl-aċidu sulfuriku konċentrat, bl-oleum jew it-trijossidu tal-kubrit; newtralizzazzjoni bl-aġenti alkalini; dekolorazzjoni u purifikazzjoni bil-qiegħa attivata b’mod naturali, bil-qiegħa attivata, bil-faħam attivat jew bil-boksajt;

(g) polimerizzazzjoni;

(h) alkilazzjoni;

(i) isomerizzazzjoni.

7.2. Għall-għanijiet tat-titli 2710, 2711 u 2712, il-“proċessi speċifiċi” huma "specific processes" huma dawn li ġejjin:

(a) distillazzjoni taħt il-vojt;

(b) ridistillazzjoni permezz ta’ proċess ta’ frazzjonament spint;

(c) il-produzzjoni ta’ żejt ħafif minn żejt grass permezz tat-tisħin bil-pressjoni:

(d) il-bdil tal-kompożizzjoni ta’ l-idrokarbonju b’azzjoni katalitika biex jintuża bħala petrol;

(e) estrazzjoni permezz ta’ solventi selettivi;

(f) il-proċess li jinkludi l-operazzjonijiet kollha li ġejjin: l-ipproċessar bl-aċidu sulfuriku konċentrat, bl-oleum jew it-trijossidu tal-kubrit; newtralizzazzjoni bl-aġenti alkalini; dekolorazzjoni u purifikazzjoni bil-qiegħa attivata b’mod naturali, bil-qiegħa attivata, bil-faħam attivat jew bil-boksajt;

(g) polimerizzazzjoni;

(h) alkilazzjoni;

(ij) isomerizzazzjoni.

(k) dwar dak li għandu x’jaqsam ma’ żjut grassi taħt it-titlu ex 2710 biss, desolforazzjoni bl-idroġenu, li tirriżulta fi tnaqqis ta’ mill-inqas 85% tal-kontenut tal-kubrit tal-prodotti pproċessati (metodu ASTM D 1266-59 T);

(l) dwar dak li għandu x’jaqsam ma’ prodotti taħt it-titlu 2710 biss, deparaffinazzjoni bi proċess li m’huwiex proċess ta’ ffiltrar;

(m) dwar dak li għandu x’jaqsam ma’ żjut grassi taħt it-ttitlu 2710 biss, trattament bl-idroġenu bi pressjoni ta’ aktar minn 20 bar u temperatura ta’ ’l fuq minn 250°C, bl-użu ta’ katalista, imma mhux li tikkawża desolforazzjoni, meta l-idroġenu jikkostitwixxi element attiv fir-reazzjoni kimika. It-trattament addizzjonali bl-idroġenu ta’ żjut lubrikanti li jaqgħu taħt it-titlu ex 2710 (eż l-irfinar bl-idroġenu jew id-dekolorazzjoni), sabiex, aktar minn kollox, jitjiebu l-kulur u l-istabbiltà, m’għandux, madankollu, jitqies bħala proċess speċifiku;

(n) dwar dak li għandu x’jaqsam ma’ żjut użati bħala fjuwil li jaqgħu taħt it-titlu ex 2710 biss, distillazzjoni atmosferika, bil-kundizzjoni li inqas minn 30% ta’ dawn il-prodotti jiġi distillat, bil-volum, u dan jinkludi t-telfiet, f’temperatura ta’ 300 °C, bil-metodu ASTM D 86;

(o) dwar dak li għandu x'jaqsam ma' żjut grassi distinti min-nafta u ż-żjut użati bħala fjuwil li jaqgħu taħt it-titlu ex 2710 biss, trattament bi proċess ta' ddisċarġjar ta' karga elettrika ta' frekwenza għolja bi broxk;

(p) dwar dak li għandu x'jaqsam ma' prodotti grezzi (imma mhux il-vażelina, l-ożokerit, ix-xema' tal-linjite jew ix-xema' tal-pit, ix-xema' paraffinika li fiha, bil-piż, inqas minn 0.75% żejt) li jaqgħu taħt it-titlu ex 2712 biss, deoljazzjoni permezz ta' kristallizzazzjoni frazzjonata.

7.3. Għall-għanijiet ta' titli ex 2707, 2713 sa 2715, ex 2901, ex 2902 u ex 3403, operazzjonijiet sempliċi, bħal m'huma t-tindif, it-tferrigħ minn reċipjent għal ieħor mingħajr ma jitqanqal il-fond tal-likwidu, id-desalinazzjoni, is-separazzjoni ta' l-ilma, l-iffiltrar, il-kolorazzjoni, il-markatura, l-otteniment ta' kontenut ta' kubrit bħala riżultat ta' taħlit ta' prodotti b'kontenut differenti ta' kubrit, jew kull xorta ta' kombinazzjoni ta' dawn l-operazzjonijiet jew oħrajn simili, ma jikkonferixxux oriġini."

Anness XII

"ANNESS II

LISTA TA' XOGĦOL U PPROĊESSAR MEĦTIEĠA LI JSIRU FUQ MATERJALI NON-ORIĠINATI SABIEX IL-PRODOTT MANIFATTURAT IĠIB L-ISTATUS TA' ORIĠINI

Il-prodotti msemmija fil-lista jistgħu ma jkunux kollha koperti mill-Ftehim. Hemm bżonn, għalhekk, konsultazzjoni ma' partijiet oħra tal-Ftehim. .

Titlu HS	Deskrizzjoni tal-prodott	Xogħol fuq jew ipproċessar ta' materjali non-oriġinati, li jikkonferixxu status ta' oriġini	
(1)	(2)	(3) jew	(4)
Kapitlu 1	Annimali ħajja	L-annimali kollha ta' Kapitlu 1 għandhom ikunu ottenuti għalkollox	
Kapitlu 2	Laħam u ġewwieni tal-laħam li jittiekel	Manifattura li fiha l-materjali kollha użati ta' Kapitli 1 u 2 huma ottenuti għalkollox	
Kapitlu 3	Ħut u krustaċew, molluski u invertebrati akwatiċi oħra	Manifattura li fiha l-materjali kollha użati ta' Kapitlu 3 huma ottenuti għalkollox	
ex Kapitlu 4 0403	Prodotti tal-ħalib; bajd ta' l-għasafar; għasel naturali; prodotti li jittieklu oriġinati mill-annimali, li m'humiex speċifikati jew inklużi x'imkien ieħor; ħlief għal: Ix-xorrox tal-butir, il-krema u l-butir imbaqta, il-jogurt, il-kefir u ħalib u krema oħra ffermentati jew aċidifikati, huma jew m'humiex konċentrati jew b'zokkor miżjud jew b'xi sustanza oħra ta' ħlewwa jew miżjuda b'ingredjenti artifiċjali għat-togħma jew miżjuda bil-frott, ġewż jew kawkaw	Manifattura li fiha l-materjali kollha użati ta' Kapitlu 4 huma ottenuti għalkollox Manifattura li fiha: - il-materjali kollha użati ta' Kapitlu 4 huma ottenuti għalkollox, - il-meraq tal-frott kollu użat (ħlief dak ta' l-ananas, l-ixkomp jew il-grejpfrut) taħt titlu 2009 huwa ta' oriġini, u - il-valur tal-materjali kollha użati ta' Kapitlu 17 ma jaqbiżx it-30% tal-prezz tal-fabbrika tal-prodott	
ex Kapitlu 5 ex 0502	Prodotti ta' oriġini mill-annimali, li m'humiex speċifikati jew inklużi x'imkien ieħor; ħlief għal: Lanżit u xagħar maħdum tal-qżieqeż, ħnieżer imsewwija jew ħnieżer slavaġ	Manifattura li fiha l-materjali kollha użati ta' Kapitlu 5 huma ottenuti għalkollox It-tindif, id-diżinfettar, l-għażil u l-iddrittar tal-lanżit u x-xagħar	

Kapitlu 6	Siġar ħajjin u pjanti oħra; basal, għeruq u oġġetti simili; fjuri maqtugħa u weraq ornamentali	Manifattura li fiha: - il-materjali kollha użati ta' Kapitlu 6 huma ottenuti għalkollox, u - il-valur tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx il-50% tal-prezz tal-fabbrika tal-prodott	
Kapitlu 7	Ħxejjex li jittieklu u certi għeruq u tuberi	Manifittura li fiha l-materjali kollha użati ta' Kapitlu 7 huma ottenuti għalkollox	

(1)	(2)	(3) jew	(4)
Kapitlu 8	Frott u ġewż li jittiekel; qxur tal-frott taċ-ċitru jew il-bettieħ	Manifattura li fiha: - il-frott u l-ġewż kollu użat huwa ottenut għalkollox, u - il-valur tal-materjali kollha użati ta' Kapitlu 17 ma jaqbiżx il-30% tal-prezz tal-fabbrika tal-prodott	
ex Kapitlu 9	Kafè, te, matè u ħwawar; ħlief għal:	Manifattura li fiha l-materjali kollha użati ta' Kapitlu 9 huma ottenuti għalkollox	
0901	Kafè, ikun jew ma jkunx inkaljat jew dekafeinat; il-fosdqiet u l-qxur tal-kafè; is-sostituti tal-kafè li fihom il-kafè f'kull ammont ta' proporzjon.	Manifattura minn materjali li jaqgħu taħt kwalunkwe titlu	
0902	Te, miżjud jew le b'ingredjenti artifiċjali għat-togħma	Manifattura minn materjali li jaqgħu taħt kwalunkwe titlu	
ex 0910	Taħlit ta' ħwawar	Manifattura minn materjali li jaqgħu taħt kwalunkwe titlu	
Kapitlu 10	Ċereali	Manifattura li fiha l-materjali kollha użati ta' Kapitlu 10 huma ottenuti għalkollox	
ex Kapitlu 11	Prodotti ta' l-industrija tat-tħin; xgħir; lamti; inulina; glutina tal-qamħ; ħlief għal:	Manifattura li fiha c-cereali, il-ħxejjex li jittieklu, l-għeruq u t-tuberi kollha użati li jaqgħu taħt it-titlu 0714 huma ottenuti għalkollox	
ex 1106	Trab fin, ħxejjex legumeni mnixxfa, imqaxxra, mitħuna trab u frak u li jaqgħu taħt it-titlu 0713	It-tnixxif u t-tħin tal-ħxejjex legumeni li jaqgħu taħt it-titlu 0708	
Kapitlu 12	Żerriegħa taż-żejt u frott li jipproduċi ż-żejt; frott taċ-ċereali, żrieragħ u frott ta' diversi kwalitajiet; pjanti industrijali jew mediċi; tiben u magħlef	Manifattura li fiha l-materjali kollha użati ta' Kapitlu 12 huma ottenuti għalkollox	
1301	Gommalakka; gomma naturali, raża, gomma tar-raża u oleoraża (per eżempju, l-balzmu)	Manifattura li fiha l-valur tal-materjali kollha użati li jaqgħu taħt it-titlu 1301 ma jaqbiżx il-50% tal-prezz tal-fabbrika tal-prodott	
1302	L-ilma tal-ħajja veġetali u l-estratti tal-ħxejjex; sustanzi tal-pektin, pektinati u pektati; agar-agar (ġelifikant estratt mill-alga ħamra) u muċilaġnijiet u sustanzi oħra li jgħaqqdu l-ikel huma jew m'humiex modifikati, imnissla minn prodotti veġetali: - Muċilaġnijiet u sustanzi li jgħaqqdu l-ikel, modifikati imnissla minn prodotti veġetali - Oħra	Manifattura minn muċilaġnijiet u sustanzi li jgħaqqdu l-ikel Manifattura li fiha l-valur tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx il-50% tal-prezz tal-fabbrika tal-prodott	

(1)	(2)	(3) jew	(4)
Kapitlu 14	Materjali għall-immaljar tal-ħxejjex; prodotti veġetali li m'humiex speċifikati jew inklużi x'imkien ieħor	Manifattura li fiha l-materjali kollha użati ta' Kapitlu 14 huma ottenuti għalkollox	
ex Kapitlu 15	Xaħmijiet u żjut ta' l-annimali jew veġetali u prodotti ta' l-idroliżi tagħhom; xaħmijiet maħduma li jittieklu; xema' veġetali jew ta' l-annimali, ħlief għal:	Manifattura minn materjali li jaqgħu taħt kwalunkwe titlu, ħlief it-titlu tal-prodott	
1501	Ix-xaħam tal-ħanżir (inkluż l-ardu) u x-xaħam tat-tjur, imma mhux dak li jaqa' taħt it-titlu 0209 jew 1503:		
	- Xaħmijiet mill-għadam u l-iskart	Manifattura minn materjali taħt kull titlu, ħlief dawk taħt it-titlu 0203, 0206 jew 0207 jew l-għadam taħt it-titlu 0506	
	- Oħra	Manifattura minn laħam jew il-ġewwieni li jittiekel tal-qżieqeż taħt titlu 0203 jew 0206 jew tal-laħam u l-ġewwieni li jittiekel tat-tjur taħt it-titlu 0207	
1502	Xaħmijiet ta' l-annimali ta' l-ifrat, nagħaġ jew mogħoż, imma mhux dawk li jaqgħu taħt it-titlu 1503		
	- Xaħmijiet mill-għadam u l-iskart	Manifattura minn materjali taħt kull titlu, ħlief it-titlu 0201, 0202, 0204 jew 0206 jew l-għadam taħt titlu 0506	
	- Oħra	Manifattura li fiha l-materjali kollha użati ta' Kapitlu 2 huma ottenuti għalkollox	
1504	Xaħmijiet u żjut u l-frazzjonijiet tagħhom, tal-ħut jew il-mammali tal-baħar, huma jew m'humiex raffinati, imma li m'humiex modifikati kimikament:		
	- Frazzjonijiet solidi	Manifattura minn materjali taħt kull titlu, inklużi materjali oħra taħt it-titlu 1504	
	- Oħra	Manifattura li fiha l-materjali kollha użati ta' Kapitli 2 u 3 huma ottenuti għalkollox	
ex 1505	Lanolin raffinat	Manifattura minn lanolina mhux raffinata taħt it-titlu 1505	
1506	Xaħmijiet u żjut ta' l-annimali oħra u l-frazzjonijiet tagħhom, huma jew m'humiex raffinati, imma li m'humiex modifikati kimikament:		

(1)	(2)	(3) jew	(4)
	- Frazzjonijiet solidi	Manifattura minn materjali taħt kwalunkwe titlu, inklużi materjali oħra taħt it-titlu 1506	
	- Oħra	Manifattura li fiha l-materjali kollha użati ta' Kapitlu 2 huma ottenuti għalkollox	
1507 sa 1515	Żjut veġetali u l-frazzjonijiet tagħhom:		
	- Sojja, ġewż mitħun, palma, kopra, il-qalba tal-palma, babassu, tung u żejt ta' Konepja, xaħam tar-riħana u xema' Ġappuniża, frazzjonijiet taż-żejt ta' *jojoba* u żjut għall-użu tekniku jew industrijali imma mhux għall-manifattura ta' oġġetti ta' l-ikel għall-konsum uman	Manifattura minn materjali taħt kull titlu, ħlief t-titlu tal-prodott	
	- Frazzjonijiet solidi ħlief għal dawk taż-żejt *jojoba*	Manifattura minn materjali oħra taħt it-titli 1507 sa 1515	
	- Oħra	Manifattura li fiha il-materjali veġetali kollha użati huma ottenuti għalkollox	
1516	Ix-xaħmijiet u ż-żjut veġetali u ta' l-annimali u l-frazzjonijiet tagħhom, kompletament jew parzjalment idroġenati, inter-esterifikati, re-esterifikati jew elajdinizzati, huma jew m'humiex raffinati, imma mingħajr m'huma maħduma addizzjonalment	Manifattura li fiha: - il-materjalu kollha użati ta' Kapitlu 2 huma ottenuti għalkollox, u - il-minerali veġetali kollha użati huma ottenuti għalkollox. Madonkollu, il-materjali taħt it-titli 1507, 1508, 1511 u 1513 jistgħu jintużaw.	
1517	Il-marġerina; taħlit jew preparamenti ta' xaħmijiet jew żjut veġetali jew ta' l-annimali li jittieklu jew ta' frazzjonijiet ta' xaħmijiet jew żjut differenti ta' dan il-Kapitlu, imma mhux ix-xaħmijiet u ż-żjut li jittieklu jew il-frazzjonijiet tagħhom ta' taħt it-titlu 1516	Manifattura li fiha: - il-materjali kollha użati huma ottenuti għalkollox, u ta' kapitli 2 u 4 - il-minerali veġetali kollha użati huma ottenuti għalkollox. Madonkollu, il-materjali taħt it-titli 1507, 1508, 1511 u 1513 jistgħu jintużaw	
Kapitlu 16	Preparamenti ta' laħam, ħut jew krustaċji, molluski jew invertebrati oħra tal-baħar	Il-manifattura: - mill-annimali ta' kapitlu 1, u/jew - li fiha l-minerali kollha użati ta' Kapitlu 3 huma ottenuti għalkollox	
ex Kapitlu 17	Zokkor u ħlewwiet taz-zokkor, ħlief għal:	Manifattura minn minerali taħt kwalunkwe titlu, ħlief it-titlu tal-prodott	

(1)	(2)	(3) jew	(4)
ex 1701	Zokkor tal-kannamieli jew tal-pitravi u dan iz-zokkor fi stat kimikament pur u f'forma solida, u li għandu miżjud miegħu ingredjenti artifiċjali għat-togħma jew sustanza li tagħti l-kulur	Manifattura li fiha l-valur tal-materjali kollha użati ta' Kapitlu 17 ma jaqbiżx il-30% tal-prezz tal-fabbrika tal-prodott	
1702	Zokkor ieħor, inklużi l-laktosju, l-maltosju, l-glukosju u l-fruttosju kimikament puri, f'forma solida; ġulepp taz-zokkor li m'huwiex miżjud b'ingredjenti artifiċjali għat-togħma jew b'sustanzi oħra li jagħtu l-kulur; għasel artifiċjali, miżjud jew m'huwiex bl-għasel naturali; karamella:		
	- Maltosju u fruttosju kimikament puri	Manifattura minn materjali taħt kwalunkwe titlu, inklużi materjali oħra taħt it-titlu 1702	
	- Zokkor ieħor f'forma solida, li fih miżjud ingredjenti artifiċjali għat-togħma jew sustanza li tagħti l- kulur	Manifattura li fiha l-valur tal-materjali kollha użati ta' Kapitlu 17 ma jaqbiżx il-30% tal-prezz tal-fabbrika tal-prodott	
	- Oħra	Manifattura li fiha l-materjali kollha użati huma oriġinati	
ex 1703	Ġulepp magħqud li ġej mill-għasir u l-irfinar taz-zokkor, u li fih miżjud ingredjenti artifiċjali għat-togħma jew sustanza tal- kulur	Manifattura li fiha l-valur tal-materjali kollha użati ta' Kapitlu 17 ma jaqbiżx il-30% tal-prezz tal-fabbrika tal-prodott	
1704	Ħlewwiet taz-zokkor (inkluża ċ-ċikkulata l-bajda), li ma fihomx kawkaw	Manifattura: - minn materjali taħt kwalunkwe titli, ħlief it-titlu tal-prodott, u - li fiha l-valur tal-materjali kollha użati ta' Kapitlu 17 ma jaqbiżx il-30% tal-prezz tal-fabbrika tal-prodott	
Kapitlu 18	Kawkaw u preparamenti tal-kawkaw	Manifattura: - minn materjali taħt kwalunkwe titli, ħlief it-titlu tal-prodott, u - li fiha l-valur tal-materjali kollha użati ta' Kapitlu 17 ma jaqbiżx il-30% tal-prezz tal-fabbrika tal-prodott	

(1)	(2)	(3) jew	(4)
1901	Estratt tax-xgħir; preparamenti ta' ikel ta' trab fin, xgħir u barli mitħun oħxon, qamħ mitħun oħxon, lamtu jew estratt tax-xgħir li ma fihomx kawkaw jew li fihom inqas minn 40%, bil-piż, ta' kawkaw ikkalkulati bix-xaħam imneħħi minnhom totalment, li m'humiex speċifikati jew inklużi x'imkien ieħor: preparamenti ta' ikel b'oġġetti li jaqgħu taħt it-titli 0401 sa 0404, li ma fihomx kawkaw jew li fihom inqas minn 5%, bil-piż, ta' kawkaw ikkalkulati bix-xaħam imneħħi minnhom totalment, li m'humiex speċifikati jew inklużi x'imkien ieħor:		
	- Estratt tax-xgħir	Manifattura miċ-ċereali ta' Kapitlu 10	
	- Oħra	Manifattura:	
		- minn minerali taħt kwalunkwe titlu, ħlief it-titlu tal-prodott, u	
		- li fiha l-valur tal-materjali kollha użati ta' Kapitlu 17 ma jaqbiżx il-30% tal-prezz tal-fabbrika tal-prodott	
1902	Għaġin, kemm imsajjar kif ukoll mimli (bil-laħam jew b'sustanzi oħra) jew maħdum mod ieħor, bħall-ispagetti, l-imqarrun, it-taljatelli, il-lasanja, l-injokki, ir-ravjul, il-kannelloni; il-kuskus, maħdum jew m'huwiex:		
	- Kontenut ta' 20% jew inqas, bil-piż, tal-laħam, il-ġewwieni tal-laħam, il-ħut, il-krustaċji jew il-molluski	Manifattura li fiha ċ-ċereali kollha użati u d-derivattivi tagħhom (ħlief għall-qamħ Awstraljan u d-derivattivi tiegħu) huma ottenuti għalkollox	
	- Kontenut ta' aktar minn 20% , bil-piż, tal-laħam, il-ġewwieni tal-laħam, il-ħut, il-krustaċji jew il-molluski	Manifattura li fiha:	
		- iċ-ċereali kollha użati u d-derivattivi tagħhom (ħlief għall-qamħ ta' l-Awstralja u d-derivattivi tiegħu) huma ottenuti għalkollox, u	
		-il-materjali kollha użati ta' Kapitli 2 u 3 huma ottenuti għalkollox	
1903	Tapjoka u s-sostituti tagħha maħduma mil-lamtu, f'forma ta' troffi, frak, perli, bċejjeċ fini u/jew f'forom simili	Manifattura minn materjali taħt kwalunkwe titlu, ħlief il-lamtu tal-patata taħt it-titlu 1108	

(1)	(2)	(3) jew	(4)
1904	Ikel maħdum imnissel mit-tneffiħ u l-inkaljar taċ-ċereali jew prodotti taċ-ċereali (per eżempju, l-*corn flakes*); ċereali (imma mhux qamħirrum) f'forma ta' frak zgħar ebsin jew bċejjeċ żgħar irqaq, jew frak oħra maħduma (imma mhux trab fin, tħin oħxon jew irqiq), imsajra minn qabel jew maħduma b'xi mod ieħor li mhux speċifikat jew inkluż x'imkien ieħor	Manifattura: - minn materjali taħt kwalunkwe titlu, ħlief dawk taħt titlu 1806, - li fiha ċ-ċereali u d-trab fin kollu użati (ħlief għall-qamħ ta' l-Awstralja u l-qamħirrum *Zea indurata* u d-derivattivi tagħhom) huma ottenuti għalkollox, u - li fiha l-valur tal-materjali kollha użati ta' Kapitlu 17 ma jaqbiżx il-30% tal-prezz tal-fabbrika tal-prodott	
1905	Ħobż, ikel ta' l-għaġina. Kejkijiet, gallettini u prodotti oħra li jaħdem il-furnar, fihom jew ma fihomx kawkaw; ostji tat-tqarbin, *cachets* vojta tip li jistgħu jkollħom użu farmakewtiku, wejfers li jissiġillaw, karta tar-ross u prodotti simili	Manifattura minn materjali taħt kwalunkwe titlu, ħlief dawk ta' Kapitlu 11	
ex Kapitlu 20	Preparati ta' ħxejjex, frott, ġewż jew partijiet oħra ta' pjant; ħlief għal:	Manifattura li fiha l-frott, il-ġewż jew il-ħaxix kollu użat huma ottenuti għalkollox	
ex 2001	Jam, patata ħelwa u partijiet simili ta' pjanti li jittieklu li fihom 5% lamtu jew aktar, bil-piż, maħduma jew ippreservati fil-ħall jew l-aċidu aċetiku	Manifattura minn materjali taħt kwalunkwe titlu, ħlief dak tal-prodott	
ex 2004 u ex 2005	Patata f'forma ta' trab fin, trab irqiq, jew biċċiet żgħar irqaq, maħduma jew ippreservata imma mhux fil-ħall jew l-aċidu aċetiku	Manifattura minn materjali taħt kwalunkwe titlu, ħlief dak tal-prodott	
2006	Ħxejjex, frott, ġewż, qxur tal-frott u partijiet oħra tal-pjanti, ippreservati biz-zokkor (imsoffija, glasè jew kristallizzati)	Manifattura li fiha l-valur tal-materjali kollha użati ta' Kapitlu 17 ma jaqbiżx il-30% tal-prezz tal-fabbrika tal-prodott	
2007	Ġammijiet, ġelijiet tal-frott, marmellati, purejiet tal-ġewż jew il-frott jew pejst tal-ġewż, imsawra mit-tisjir, miżjuda jew mhux biz-zokkor jew b'sustanzi ta' ħlewwa oħra	Manifattura: - minn materjali taħt kwalunkwe titlu, ħlief dak tal-prodott, u - li fiha l-valur tal-materjali kollha użati ta' Kapitlu 17 ma jaqbiżx il-30% tal-prezz tal-fabbrika tal-prodott	
ex 2008	- Ġewż, mhux miżjud biz-zokkor jew l-ispirti	Manifattura li fiha l-valur tal-ġewż u ż-żerriegħa taż-żejt kollha oriġinata li jaqgħu taħt it-titli 0801, 0802 u 1202 sa 1207 ma jaqbiżx is-60% tal-prezz tal-fabbrika tal-prodott	

(1)	(2)	(3) jew	(4)
	- Pejst tal-karawett mixwi mfarrak; taħlitiet ibbażati fuq iċ-ċereali; qlub il-palma; qamħirrum	Manifattura minn materjali taħt kwalunkwe titlu, ħlief dak tal-prodott	
	- Oħra ħlief għal frott u ġewż imsajjar imma mhux imfawra jew mgħollija fl-ilma, m'humiex miżjuda biz-zokkor, iffriżati	Manifattura: - minn materjali taħt kwalunkwe titlu, ħlief dak tal-prodott, u - li fiha l-valur tal-materjali kollha użati ta' Kapitlu 17 ma jaqbiżx il-30% tal-prezz tal-fabbrika tal-prodott	
2009	Meraq tal-frott Fruit juices (inkluż l-għasir ta' l-għeneb) u l-meraq tal-ħxejjex, mhux fermentati u mingħajr spirtu miżjud, miżjud jew m'huwiex biz-zokkor jew xi sustanzi oħra ta' ħlewwa	Manifattura: - minn materjali taħt kwalunkwe titlu, ħlief dak tal-prodott, u - li fiha l-valur tal-materjali kollha użati ta' Kapitlu 17 ma jaqbiżx il-30% tal-prezz tal-fabbrika tal-prodott	
ex Kapitlu 21	Preparamenti li jittieklu ta' diversi kwalitajiet; ħlief għal:	Manifattura minn materjali taħt kwalunkwe titlu, ħlief dak tal-prodott	
2101	Estratti, essenzi u konċentrati, tal-kafè, it-te jew il-matè u preparamenti b'bażi ta' dawn il-prodotti jew tal-kafè, it-te jew il-matè; ċikwejra nkaljata u sostituti oħra nkaljati tal-kafè, essenzi u konċentrati tagħhom	Manifattura: - minn materjali taħt kwalunkwe titlu, ħlief dak tal-prodott, u - li fiha iċ-ċikwejra kollha użata hija ottenuta għalkollox	
2103	Zlazi u l-preparamenti għalihom; kondimenti u ħwawar imħallta; trab fin tal-mustarda u ħin irqiq u mustarda maħduma:		
	- Zlazi u l-preparamenti għalihom; kondimenti u ħwawar imħallta	Manifattura minn materjali taħt kwalunkwe titlu, ħlief dak tal-prodott. Madankollu, trab fin tal-mustarda u ħin irqiq u mustarda maħduma jistgħu jintużaw	
	- trab fin tal-mustarda u ħin irqiq u mustarda maħduma	Manifattura minn materjali taħt kwalunkwe titlu	
ex 2104	Sopop u brodujiet u l-preparamenti għalihom	Manifattura minn kwalunkwe materjali, ħlief il-ħxejjex maħduma jew ippreservati li jaqgħu taħt it-titli 2002 sa 2005	

(1)	(2)	(3) jew	(4)
2106	Preparamenti ta' l-ikel li m'humiex speċifikati jew inklużi x'imkien ieħor	Manifattura: - minn materjali taħt kwalunkwe titlu, ħlief dak tal-prodott, u - li fiha l-valur tal-materjali kollha użati ta' Kapitlu 17 ma jaqbiżx il-30% tal-prezz tal-fabbrika tal-prodott Manifattura:	
ex Kapitlu 22	Xorb, spirti u ħall; ħlief għal:	Manifattura: - minn materjali taħt kwalunkwe titlu, ħlief dak tal-prodott, u - li fiha l-għeneb jew il-materjali mnissla mill-għeneb kollha użati huma ottenuti għalkollox	
2202	Ilmijiet, inklużi l-ilmijiet minerali u effervixxenti, li fihom zokkor miżjud jew xi sustanzi ta' ħlewwa jew ingredjenti artifiċjali miżjuda għat-togħma, u xorb ieħor li mhux alkoħoliku, frott jew meraq tal-ħxejjex li jaqgħu taħt it-titlu 2009 mhux inkluż	Manifattura: - minn materjali taħt kwalunkwe titlu, ħlief dak tal-prodott, u - li fiha l-valur tal-materjali kollha użati ta' Kapitlu 17 ma jaqbiżx il-30% tal-prezz tal-fabbrika tal-prodott, u - li fiha l-meraq kollu tal-frott użat (ħlief dak ta' l-ananas, l-ixkomp jew il-grejpfrut) huwa oriġinat	
2207	Alkoħol etiliku mhux denaturat ta' saħħa alkoħolika, bil-volum, ta' 80% vol jew ogħla; alkoħol etiliku u spirti oħra, denaturati, ta' kwalunkwe saħħa	Manifattura: - mill-materjali ta' kwalunkwe titlu, ħlief it-titlu 2207 jew 2208, u - li fiha l-għeneb kollu jew il-materjali mnissla mill-għeneb użati huma ottenuti għalkollox jew, jekk il-materjali l-oħra kollha użati huma oriġinati diġà, l-għarak jista' jintuża sa limitu ta' 5% bil-volum	

(1)	(2)	(3) jew	(4)
2208	Alkoħol etiliku mhux denaturat ta' saħħa alkoħolika, bil-volum, ta' inqas minn 80% vol; spirti, likuri u xorb ieħor distillat	Manifattura: - mill-materjali ta' kwalunkwe titlu, ħlief it-titlu 2207 jew 2208, u - li fiha l-għeneb kollu jew il-materjali mnissla mill-għeneb użati huma ottenuti għalkollox jew, jekk il-materjali l-oħra kollha użati huma oriġinati diġà, l-għarak jista' jintuża sa limitu ta' 5% bil-volum	
ex Kapitlu 23	Residwi u skart ta' l-industriji ta' l-ikel; għalf maħdum ta' lannimali; ħlief għal:	Manifattura minn materjali taħt kwalunkwe titlu, ħlief dak tal-prodott	
ex 2301	Il-laħam tal-baliena; trab fin, ħin fin u gerbub ta' ħut jew krustaċji, molluski jew invertebrati akwatici oħra, li m'humiex tajba għall-konsum uman.	Manifattura li fiha l-materjali kollha użati ta' Kapitli 2 u 3 huma ottenuti għalkollox	
ex 2303	Residwi mill-manifattura tal-lamtu mill-qamħirrum (eskluži l-likuri mmaċerati u kkonċentrati), ta' kontenut ta' proteini, ikkalkulat fuq prodott niexef, li jaqbeż l-40%, bil-piż	Manifattura li fiha l-qamħirrum użat huwa ottenut għalkollox	
ex 2306	Għalf tal-bhejjem (magħmul miż-żieragħ magħsura miż-żejt) u residwi solidi oħrajn ġejjin mill-estazzjoni taż-żejt taż-żebbuġa, u li fihom aktar minn 3% żejt taż-żebbuġa	Manifattura li fiha iż-żebbuġ kollu użat huwa ottenut għalkollox	
2309	Preparamenti tat-tip użati għall-għalf ta' l-annimali	Manifattura li fiha: - iċ-ċereali, iz-zokkor, jew il-ġulepp magħqud, il-laħam jew il-ħalib kollu użat huma oriġinati, u - il-materjali kollha użati ta' Kapitlu 3 huma ottenuti għalkollox	
ex Kapitlu 24	Tabakk u s-sostituti tabakk manifatturati; ħlief għal:	Manifattura li fiha l-amterjali kollha użati ta' Kapitlu 24 huma ottenuti għalkollox	
2402	Sigarri, *cheroot,*sigarri zgħar u sigaretti, tat-tabakk jew is-sostituti tat-tabakk	Manifattura li fiha mill-inqas 70%, bil-piż, tat-tabakk mhux manifatturat jew ta' l-iskart tat-tabakk użat taħt it-titlu 2401 huwa oriġinat	
ex 2403	Tabakk għat-tipjip	Manifattura li fiha mill-inqas 70%, bil-piż, tat-tabakk mhux manifatturat jew ta' l-iskart tat-tabakk użat taħt it-titlu 2401 huwa oriġinat	
ex Kapitlu 25	Melħ; kubrit; tafal u ġebel; materjali tal-ġibs, ġir u siment; ħlief għal:	Manifattura minn materjali taħt kwalunkwe titlu, ħlief dak tal-prodott	

(1)	(2)	(3) jew	(4)
ex 2504	Grafit kristallin naturali, b'kontenut ta' kubrit arrikkit, purifikat u mitħun	L-arrikkiment tal-kontenut karboniku, l-ippurifikar u t-tisħiq tal-grafit kristallin mhux raffinat	
ex 2515	Irħam, imqatta', bis-serrar jew mod ieħor, fi blokki jew qatgħat ħoxna rettangolari (inklużi l-qatgħat kwadri) ta' ħxuna li ma taqbiżx il-25 cm	It-tqattigħ, bis-serrieq jew mod ieħor, ta' l-irħam (ukoll jekk diġà mqatta' bis-serrieq) ta' ħxuna li taqbeż il-25 cm	
ex 2516	Granit, porfirju, bażalt, ġebel ramli u ġebel ieħor monumentali jew tal-bini, imqatta', bis-serrieq jew mod ieħor, fi blokki jew qatgħat ħoxna rettangolari (inklużi l-qatgħat kwadri) ta' ħxuna li ma taqbiżx il-25 cm	It-tqattigħ bis-serrar jew mod ieħor, tal-ġebel (ukoll jekk diġà mqatta' bis-serrieq) ta' ħxuna li ma taqbiżx il-25 cm	
ex 2518	Dolomit kalċinat	Il-kalċinazzjoni ta' dolomit mhux kalċinat	
ex 2519	Karbonat tal-manjesju naturali mfarrak (manjeżit), f'kontenituri magħluqa ermetikament; u ossidu tal-manjeżju, pur jew m'huwiex, imma mhux manjeżja fuża elettronikament jew manjeżja kompletament kalċinata (sinterizzata)	Manifattura mill-materjali ta' kwalunkwe titlu ħlief dak tal-prodott. Madankollu, il-karbonat tal-manjesju naturali (manjeżit) jista' jintuża	
ex 2520	Ġibs ippreparat speċjalment għad-dentistrija	Manifattura li fiha l-valur tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx il-50% tal-prezz tal-fabbrika tal-prodott	
ex 2524	Fibra naturali ta' l-asbestos	Manifattura mill-konċentrat ta' l-asbestos	
ex 2525	Trab tal-majka	Tħin jew skart tal-majka	
ex 2530	Kuluri tat-tafal, kalċinati jew trab	Kalċinazzjoni jew tħin tal-kuluri tat-tafal	
Kapitlu 26	Minerali, gagazza u rmied	Manifattura minn materjali taħt kwalunkwe titlu ħlief dak tal-prodott	
ex Kapitlu 27	Fjuwil minerali, żjut minerali u prodotti tad-distillazzjoni tagħhom; sustanzi bituminużi; xema' minerali; ħlief għal:	Manifattura minn materjali taħt kwalunkwe titlu ħlief dak tal-prodott	

(1)	(2)	(3) jew	(4)
